KONKLUŻJONIJIET TAL-AVUKAT ĠENERALI
MENGOZZI
ippreżentati fit-13 ta' Marzu 2008 [1]

I — Introduzzjoni

1. B'deċiżjoni tas-16 ta' Ġunju 2006, l-Audiencia Provincial de Madrid (Spanja) ressqet quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja talba għal deċiżjoni preliminari dwar l-interpretazzjoni tal-Artikolu 85(1) tat-Trattat (li sar l-Artikolu 81(1) KE) u tar-Regolament tal-Kummissjoni (KEE) Nru 1984/83, tat-22 ta' Ġunju 1983, dwar l-applikazzjoni tal-Artikolu 85(3) tat-Trattat għal kategoriji ta' ftehim ta' xiri esklużiv [2].

2. Din it-talba ġiet ippreżentata fil-kuntest ta' kawża bejn CEPSA, Estaciones de Servicio SA (iktar 'il quddiem "CEPSA"), ir-rikorrenti fil-kawża prinċipali, u l-operatur ta' stazzjon tal-petrol LV Tobar e Hijos SL (iktar 'il quddiem "Tobar"), il-konvenuta fil-kawża prinċipali, dwar l-allegata restrizzjoni tal-kompetizzjoni min-naħa ta' CEPSA, li tirriżulta mill-kuntratt ta' xiri esklużiv konkluż bejn il-partijiet.

1 — Lingwa oriġinali: il-Franċiż.
2 — ĠU L 173, p. 5 u rettifika ĠU 1984, L 79, p. 38.

II — Il-kuntest ġuridiku

3. Ir-Regolament Nru 1984/83 jeskludi millkamp ta' applikazzjoni tal-Artikolu 85(1) tat-Trattat KE ċerti kategoriji ta' ftehim ta' xiri esklużiv u ta' prattiki miftiehma li normalment jissodisfaw il-kundizzjonijiet previsti fl-Artikolu 85(3) KE, għar-raġuni li dawn iwasslu, b'mod ġenerali, għal titjib fid-distribuzzjoni tal-prodotti.

4. Skont l-Artikolu 3(d) tal-imsemmi regolament, din l-eżenzjoni ma tapplikax meta l-ftehim ikun konkluż għal tul indefinit jew għal tul ta' iktar minn ħames snin.

5. L-istess regolament jinkludi dispożizzjonijiet partikolari għall-ftehim ta' stazzjonjiet tal-petrol fl-Artikoli 10 sa 13 tiegħu.

6. Skont l-Artikolu 10 ta' dan ir-regolament:

"Skont l-Artikolu 85(3) tat-Trattat u skont il-kundizzjonijiet imsemmija fl-Artikoli 11

u 13 ta' dan ir-regolament, l-Artikolu 85(1) tal-imsemmi Trattat huwa inapplikabbli għall-ftehim li fihom jipparteċipaw żewġ impriżi biss u li fihom parti, il-bejjiegħ mill-ġdid, tintrabat mal-parti l-oħra, il-fornitur, bħala korrispettiv għall-għoti ta' vantaġġi ekonomiċi jew finanzjarji partikolari, li tixtri mingħandha biss, minn impriża assoċjata magħha jew minn impriża terza li tkun inkarigata minnha għad-distribuzzjoni tal-prodotti tagħha, bil-għan li jsir bejgħ mill-ġdid fi stazzjon tal-petrol stabbilita fil-ftehim, ċerti karburanti għal vetturi b'mutur li jaħdmu bi prodotti petroliferi jew ċerti karburanti għal vetturi b'mutur u kombustibbli bbażati fuq prodotti petroliferi speċifikati fil-ftehim." [traduzzjoni mhux uffiċjali]

7. L-Artikolu 11 tal-imsemmi regolament jipprovdi:

"Minbarra l-obbligu msemmi fl-Artikolu 10, l-ebda restrizzjoni oħra fuq il-kompetizzjoni ma għandha tiġi imposta fuq il-bejjiegħ mill-ġdid ħlief:

a) l-obbligu li ma jbiegħx mill-ġdid fl-istazzjon tal-petrol indikata fil-ftehim karburanti għal vetturi b'mutur jew kombustibbli pprovduti minn impriżi terzi;

b) l-obbligu li fl-istazzjon tal-petrol indikata fil-ftehim, ma jintużawx lubrifikanti jew prodotti petroliferi konnessi offerti minn impriżi terzi, fejn il-fornitur jew impriża assoċjata miegħu jkunu qiegħdu għad-dispożizzjoni tal-bejjiegħ mill-ġdid, jew ikunu ffinanzjaw, tagħmir ta' bdil ta' żjut jew stallazzjonijiet oħra ta' lubrikazzjoni ta' vetturi li jaħdmu b'mutur;

ċ) l-obbligu li ma jsirx reklamar għall-prodotti kkonsenjati minn impriżi terzi, ġewwa jew barra mill-istazzjon tal-petrol, ħlief fil-proporzjon mal-parti li dawn il-prodotti jirrapreżentaw mid-dħul mill-bejgħ totali tal-istazzjon tal-petrol;

d) l-obbligu li s-sorveljanza tiġi fdata biss lill-fornitur, jew lil impriża magħżula minnu, tal-istallazzjonijiet ta' depożitu jew ta' distribuzzjoni ta' prodotti petroliferi li huma proprjetà tiegħu, jew li ġew iffinanzjati mill-fornitur jew minn impriża assoċjata miegħu." [traduzzjoni mhux uffiċjali]

8. L-Artikolu 12 tar-Regolament Nru 1984/83 jelenka l-klawżoli u l-impenji kuntrattwali li jostakolaw l-applikazzjoni tal-Artikolu 10 tiegħu, fosthom il-kundizzjoni li l-kuntratt ma jistax jiġi konkluż għal tul indefinit jew għal tul li jaqbeż l-għaxar snin.

9. L-Artikolu 13 ta' l-istess regolament jipprovdi li l-Artikoli 2(1) u (3), 3(a) u (b), 4 u 5 tiegħu għandhom japplikaw b'analoġija għall-ftehim ta' stazzjonijiet tal-petrol.

10. It-tlettax-il premessa ta' dan ir-regolament tipprovdi:

"[…] dawn il-ftehim huma ġeneralment ikkaratterizzati mill-fatt li, minn naħa, il-fornitur jagħti lill-bejjiegħ mill-ġdid vantaġġi ekonomiċi u finanzjarji partikolarment importanti, billi jħallsu somom ta' flus mhux rimborsabbli, billi jagħtih jew jiksiblu l-għoti ta' self b'kundizzjonijiet vantaġġużi, billi jagħtih art jew bini għall-operat […] ta' stazzjon tal-petrol, billi jipprovdilu stallazzjonijiet tekniċi jew tagħmir ieħor jew billi jagħmel investimenti oħra favur il-bejjiegħ mill-ġdid u, min-naħa l-oħra, li l-bejjiegħ mill-ġdid jintrabat kuntrattwalment fil-konfront tal-fornitur b'obbligu ta' xiri esklużiv għal żmien twil, ġeneralment bi projbizzjoni ta' kompetizzjoni." [traduzzjoni mhux uffiċjali]

11. Ir-Regolament Nru 1984/83 ġie abrogat bir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 2790/1999, tat-22 ta' Diċembru 1999, dwar l-applikazzjoni tal-Artikolu 81(3) tat-Trattat [KE] għal kategoriji ta'ftehim vertikali u prattiċi miftiehma [3], li daħal fis-seħħ fl-1 ta' Jannar 2000.

12. L-Artikolu 4(a) tar-Regolament Nru 2790/1999 jipprovdi li l-eżenzjoni mill-projbizzjoni stabbilita fl-Artikolu 81(1) KE m'għandhiex tapplika għall-ftehim vertikali li, direttament jew indirettament, waħedhom jew flimkien ma' fatturi oħra taħt il-kontroll tal-partijiet, għandhom bħala oġġett "ir-restrizzjoni tal-kapaċità tax-xerrej li jiddetermina l-prezz tal-bejgħ tiegħu, mingħajr preġudizzju għall-possibbiltà li l-fornitur jimponi prezz massimu tal-bejgħ jew jirrakomanda prezz tal-bejgħ, sakemm ma jammontawx għal prezz fiss jew minimu bħala riżultat ta' pressjoni minn, jew inċentivi offruti minn, kull parti."

13. Skont l-Artikolu 5 tal-imsemmi regolament, l-eżenzjoni prevista fl-Artikolu 2 ma tapplikax għal kull obbligu dirett jew indirett li wieħed ma jikkompetix [obbligu ta' non-kompetizzjoni] li t-tul tiegħu huwa indefinit jew huwa ta' iktar minn ħames snin. Obbligu ta' non-kompetizzjoni li jista' jiġġedded taċitament għal perjodu ta' iktar minn ħames snin għandu jitqies li ġie konkluż għal tul indefinit.

14. Skont l-Artikolu 12 tar-Regolament Nru 2790/1999, l-imsemmija projbizzjoni ma tapplikax, matul il-perijodu bejn l-1 ta' Ġunju 2000 u l-31 ta' Diċembru 2001, għall-ftehim diġà fis-seħħ fil-31 ta' Mejju 2000 li ma jissodisfawx il-kundizzjonijiet għall-eżenzjoni stabbiliti f'dan ir-regolament, iżda li jissodisfaw il-kundizzjonijiet għall-eżenzjoni stabbiliti, fost l-oħrajn, permezz tar-Regolament Nru 1984/83.

3 — ĠU L 336, p. 21.

III — Il-kawża prinċipali u d-domandi preliminari

15. Il-partijiet fil-kawża prinċipali kkonkludew, fis-7 ta' Frar 1996, "kuntratt li jagħti d-dritt ta' użu tal-marka u tal-immaġni, ta' assistenza teknika u kummerċjali, u ta' provvista taħt is-sistema ta' operatur/aġent tal-kummerċ ta' stazzjon tal-petrol".

16. Mid-deċiżjoni tar-rinviju jirriżulta li r-relazzjoni kuntrattwali bejn CEPSA u Tobar hija kkaratterizzata, essenzjalment, minn tliet tipi ta' klawżoli, jiġifieri, fl-ewwel lok, klawżola ta' xiri esklużiv, li hija kklassifikata wkoll mill-qorti tar-rinviju bħala "klawżola ta' non-kompetizzjoni" [4], fit-tieni lok, klawżoli dwar it-tqassim tal-ispejjeż u r-riskji kif ukoll, fit-tielet lok, klawżoli dwar il-ħlas għall-karburanti u l-kombustibbli.

17. Fir-rigward tal-klawżola ta' xiri esklużiv jew ta' non-kompetizzjoni, Tobar intrabtet li tixtri kombustibbli esklużivament mingħand CEPSA, inklużi karburanti, kif ukoll lubrikanti u prodotti oħrajn relatati, għall-finijiet tal-bejgħ tagħhom fl-istazzjon tal-petrol bi prezzijiet tal-bejgħ lill-pubbliku fissi u skont il-kundizzjonijiet u t-tekniki ta' bejgħ u ta' operat stabbiliti mill-imsemmi fornitur. Dan l-obbligu ġie konkluż għal tul ta' 10 snin, li jista' jiġġedded għal perijodi suċċessivi ta' ħames snin, b'kunsens espliċitu u bil-miktub b'notifika minn qabel ta' mill-inqas sitt xhur. Tobar hija pprojbita wkoll milli twettaq operazzjonijiet ta' bejgħ jew ta' promozzjoni ta' prodotti kompetituri jew li tipparteċipa f'tali operazzjonijiet, kemm fil-limiti tal-istazzjon tal-petrol kif ukoll fl-inħawi madwarha.

18. Fir-rigward tal-klawżoli dwar it-tqassim tal-ispejjeż u r-riskji, Tobar hija obbligata, fl-ewwel lok, li tassumi r-riskji fuq il-prodotti sa minn meta jiġu kkunsinnati mill-fornitur fit-tankijiet ta' riżerva u li żżommhom fil-kundizzjonijiet meħtieġa sabiex jiġi evitat kull telf jew deterjorament tagħhom. Fit-tieni lok, Tobar hija responsabbli, kemm fil-konfront tal-fornitur kif ukoll fil-konfront ta' terzi, għal kull telf, kontaminazzjoni jew taħlit li jista' jagħmel ħsara lil dawn il-prodotti, kif ukoll għal kull ħsara li tista' tiġi kkawżata mill-istess prodotti [5]. Fit-tielet lok, għalkemm Tobar ma tassumix ir-riskju għad-djun mhux imħallsa li jirriżultaw mill-użu tal-karta ta' kreditu CEPSA CARD, hija madankollu tiggarantixxi u hija responsabbli għall-klijenti li jkunu abbonaw bl-intervent tagħha għall-użu ta' dik il-karta jew li ġew mogħtija kreditu direttament minnha. Tobar tipparteċipa wkoll fl-iffinanzjar ta' parti żgħira mill-ispejjeż relatati mal-użu tal-karta ta' lealtà ta' CEPSA. Barra minn hekk, CEPSA tagħmel tajjeb għall-ispejjeż tat-trasport tal-prodotti u l-ispejjeż tal-istallazzjoni u l-manutenzjoni fl-istazzjon tal-petrol marbuta mal-immaġni tal-marka tagħha. Barra minn hekk, CEPSA tittrasferixxi wkoll lil Tobar it-tankijiet u

4 — L-użu mingħajr distinzjoni ta' dawn iż-żewġ espressjonijiet mill-qorti tar-rinviju jidher li jinftiehem fid-dawl tal-fatt li, bil-kontra ta' kuntratti ta' xiri esklużiv ta' prodotti oħrajn, bħall-birra, kuntratt ta' xiri esklużiv ta' kombustibbli huwa kkaratterizzat, minn perspettiva strettament materjali, mill-bejgħ ta' marka waħda fi stazzjon tal-petrol partikolari (monomarkiżmu): ara, f'dan ir-rigward, is-sentenza tas-7 ta' Diċembru 2000, Neste (C-214/99, Ġabra p. I-11121, punt 31).

5 — Inkluż ir-riskju ta' telf dovut kemm għal ċirkustanzi ta' forza maġġuri kif ukoll għad-differenza fil-volum bejn il-prodott ikkunsinnat u dak mibjugħ, minħabba d-differenza fit-temperatura tal-karburanti jew għal raġunijiet oħra.

l-pompi tal-petrol li l-operatur tal-istazzjon tal-petrol għandu juża esklużivament għall-bejgħ tal-prodotti kkunsinnjati minn CEPSA u li għandhom jintraddu lura lil din tal-aħħar mat-tmiem tal-użu awtorizzat. Madankollu, l-operatur tal-istazzjon tal-petrol għandu jipprovdi garanzija fuq l-ewwel talba favur CEPSA għall-ammont tal-valur tal-istallazzjonijiet tekniċi.

19. Fir-rigward tal-klawżoli dwar il-ħlas tal-karburanti u l-kombustibbli, Tobar hija obbligata tħallas il-prezz tal-karburanti jew tal-kombustibbli fi żmien disat ijiem mid-data tal-kunsinna tagħhom fl-istazzjon tal-petrol, kif ukoll li tagħmel u tippreżenta, fid-data tal-ewwel kunsinna, garanzija bankarja għal ammont totali ekwivalenti għal 15-il jum ta' kunsinna. Fin-nuqqas ta' ħlas, CEPSA tista' tinforza l-garanzija, bil-konsegwenza li l-operatur tal-istazzjon tal-petrol ikun imġiegħel iħallas għall-provvisti bil-quddiem. Tobar tirċievi, bħala remunerazzjoni, il-kummissjonijiet tas-suq fis-seħħ għal kull stazzjon tal-petrol. L-ammont inizjali huwa stabbilit fil-kuntratt, li jipprovdi li l-kummissjonijiet li għandhom jittieħdu m'għandhomx ikunu inqas mill-ammont medju tal-kummissjonijiet imħallsa lill-istazzjonjiet tal-petrol mill-operaturi l-oħrajn li għandhom sehem sinjifikattiv fis-suq u għall-istess prodotti fl-istess żona ġeografika. Il-ħlas lil CEPSA, li jiġi kkalkulat abbażi tan-numru ta' litri kkunsinnati lill-istazzjon tal-petrol, isir billi jitnaqqas mill-prezz tal-bejgħ lill-pubbliku ffissat minn CEPSA, inkluża t-taxxa fuq il-valur miżjud (VAT), l-ammont tal-kummissjoni tal-operatur tal-istazzjon tal-petrol, inkluża l-VAT.

20. F'Novembru 2001, CEPSA bagħtet ittra lil Tobar li permezz tagħha hija kienet tawtorizzaha, "sa minn dan il-jum", li tnaqqas il-prezz tal-bejgħ mingħajr madankollu ma jitnaqqas id-dħul ta' CEPSA.

21. Fl-2003, wara li bagħat diversi ittri lil CEPSA, l-operatur tal-istazzjon tal-petrol waqaf jikseb il-provvisti tiegħu mingħand dan il-fornitur u ħeba l-logo ta' dan tal-aħħar fl-istallazzjonijiet tal-istazzjon tal-petrol.

22. Fl-2004, Tobar ressqet rikors kontra CEPSA intiż għall-annullament tal-kuntratt billi sostniet li dan kien inkompatibbli mal-Artikolu 85 KE, u li l-oġġett tiegħu kien ineżistenti jew illeċitu inkwantu d-determinazzjoni tal-prezz hija fid-diskrezzjoni esklużiva ta' CEPSA. Tobar talbet ukoll kumpens.

23. CEPSA, min-naħa tagħha, ikkontestat ir-rikors u ressqet kontro-talba li permezz tagħha talbet li l-kuntratt jiġi eżegwit, jew itterminat jekk l-eżekuzzjoni tiegħu tirriżulta li hija impossibbli, u talbet, fiż-żewġ każijiet, li tingħata kumpens.

24. Fid-29 ta' Lulju 2005, il-Juzgado de Primera Instancia de Madrid annullat il-kuntratt inkwistjoni minħabba li ma kienx kompatibbli mal-Artikolu 85(1) tat-Trattat, kif ukoll mar-Regolamenti Nru 1984/83 u

Nru 2790/1999. CEPSA appellat minn din is-sentenza quddiem il-qorti tar-rinviju.

25. Wara li kkonstatat li kienet meħtieġa interpretazzjoni tal-Artikolu 85 tat-Trattat u tar-Regolament Nru 1984/83 biex tkun tista' tieħu deċiżjoni dwar ir-rikors għall-annullament tal-kuntratt, il-qorti tar-rinviju ddeċidiet li tissospendi l-proċeduri quddiemha u li tagħmel lill-Qorti tal-Ġustizzja d-domandi preliminari segwenti:

"Fl-ewwel lok,

a) L-Artikolu 85(1) [tat-Trattat] għandu jiġi interpretat fis-sens li kuntratt ta' provvista esklużiva li jagħti d-dritt li tintuża l-marka tal-fornitur, konkluż fl-1996 bejn impriża ta' distribuzzjoni ta' prodotti petroliferi u l-impriża li topera stazzjon tal-petrol, li permezz tiegħu huwa previst li jinbiegħu fuq bażi esklużiva l-karburanti u l-kombustibbli tal-fornitur għal tul definit u li ma jinbiegħux prodotti pprovduti minn distributuri oħra, jaqa' taħt il-kamp ta' applikazzjoni ta' din id-dispożizzjoni, inkwantu l-obbligu hawn fuq imsemmi jimplika ftehim ta' non-kompetizzjoni, minkejja li l-istess kuntratt, minħabba l-impatt ekonomiku tiegħu, jista' jitqies bħala kuntratt ta' rappreżentanza?

b) Jekk il-kuntratt fil-fatt jaqa' taħt il-kamp ta' applikazzjoni ta' din id-dispożizzjoni, jista' jibbenefika mill-eżenzjoni mill-projbizzjoni jekk jissodisfa l-kundizzjonijiet previsti fir-Regolament Nru 1984/83, b'mod partikolari dawk relatati mat-tul?

ċ) Jekk dan ikun il-każ, id-dispożizzjonijiet tal-Artikoli 10 u 12 tar-Regolament iċċitat iktar 'il fuq, li jippermettu li klawżola ta' non-kompetizzjoni tiġi konkluża għal tul ta' iktar minn ħames snin, bħala korrispettiv għal vantaġġi ekonomiċi u finanzjarji, jeżiġu li dawn il-vantaġġi ekonomiċi jew finanzjarji jkunu kunsiderevoli jew huwa biżżejjed li ma jkunux insinjifikattivi? Dawn id-dispożizzjonijiet jistgħu jiġu interpretati fis-sens li tali vantaġġi huma meqjusa li ngħataw fil-każ ta' kuntratti ta' provvista li jagħtu d-dritt li tintuża l-marka, li fihom il-fornitur jagħmel tajjeb għall-ispejjeż ta' stallazzjoni u ta' manutenzjoni relatati mal-immaġni tal-marka tiegħu fl-istazzjon tal-petrol jew jittrasferixxi t-tankijiet u l-pompi tal-petrol, li l-operatur tal-istazzjon tal-petrol mhuwiex awtorizzat juża, mingħajr awtorizzazzjoni bil-miktub tal-fornitur, għall-bejgħ ta' prodotti oħra minbarra dawk ikkunsinnati mill-istess fornitur u li huwa obbligat iroddhom lura lil dan tal-aħħar mat-tmiem tal-użu awtorizzat tagħhom, u li l-valur tagħhom huwa kopert bil-garanzija fuq l-ewwel talba mogħtija mill-operatur tal-istazzjon tal-petrol favur il-fornitur?

d) Jekk l-eżenzjoni hawn fuq imsemmija mhijiex applikabbli, in-nullità *ipso jure* stabbilita fl-Artikolu [85](2) [tat-Trattat] taffettwa l-kuntratt fl-intier tiegħu?

Fit-tieni lok,

a) L-Artikolu [85](1) [tat-Trattat] għandu jiġi interpretat fis-sens li kuntratt ta' provvista u li jagħti d-dritt ta' użu ta' marka, bħal dak inkwistjoni f'din il-kawża, sa fejn jipprovdi li l-impriża proprjetarja tal-istazzjon tal-petrol hija obbligata tbiegħ, fuq bażi esklużiva, l-karburanti u l-kombustibbli kkunsinnati mill-fornitur bi prezzijiet tal-bejgħ lill-pubbliku ffissati minn dan tal-aħħar, fil-prinċipju, jaqa' taħt il-projbizzjoni ta' kull restrizzjoni għall-kompetizzjoni minħabba li l-prezz tal-bejgħ huwa ffissat fil-kuntratt, fid-dawl tal-impatt ekonomiku tiegħu u, b'mod partikolari, tal-fatt li l-operatur tal-istazzjon tal-petrol jassumi r-riskji u jikkontribwixxi għall-ispejjeż, marbuta mal-provvista tal-prodotti li huma s-suġġett tal-kuntratt u marriklamar tal-bejgħ tagħhom, waqt li jitqiesu l-punti segwenti:

— L-operatur tal-istazzjon tal-petrol jintrabat li jbiegħ, fuq bażi esklużiva, il-lubrikanti, u prodotti oħra relatati intiżi għall-makni tal-vetturi awtomobilistiċi, kif ukoll il-karburanti u l-kombustibbli kkunsinnati mill-fornitur, bil-prezz tal-bejgħ lill-pubbliku u l-kundizzjonijiet tekniċi ta' bejgħ u tal-operat stabbiliti minn dan tal-aħħar, għal perijodu ta' għaxar snin, li jista' jiġġedded għal perijodi suċċessivi ta' ħames snin, b'kunsens espliċitu u bil-miktub b'notifika minn qabel ta' mill-inqas sitt xhur;

— L-operatur tal-istazzjon tal-petrol jassumi r-riskji marbuta mal-karburanti u l-kombustibbli sa minn meta jiġu kkunsinnati mill-fornitur fit-tankijiet ta' riżerva, inkluż ir-riskju ta' diskrepanzi fil-volum. Mill-mument li huwa jirċievi l-prodotti, l-istess operatur huwa obbligat li jżommhom fil-kundizzjonijiet meħtieġa sabiex jiġi evitat kull telf jew deterjorament tagħhom u huwa responsabbli, jekk ikun il-każ, kemm fil-konfront tal-fornitur kif ukoll fil-konfront ta' terzi, għal kull telf, kontaminazzjoni jew taħlit ieħor li jista' jagħmel ħsara lil dawn il-prodotti, kif ukoll għal kull ħsara li tista' tiġi kkawżata mill-istess prodotti;

— L-operatur tal-istazzjon tal-petrol huwa obbligat li jħallas lill-fornitur il-prezz tal-karburanti u tal-kombustibbli fi żmien disat ijiem li jiddekorru mid-data tal-kunsinna tagħhom fl-istazzjon tal-petrol, u huwa obbligat ukoll li jagħmel u jippreżenta garanzija bankarja

fid-data tal-ewwel kunsinna, għal ammont totali […] ekwivalenti għal ħmistax-il jum [ta' kunsinna]. Fil-każ ta' nuqqas ta' ħlas, minbarra l-fatt li l-fornitur jista' jeżegwixxi l-garanzija mogħtija mill-operatur tal-istazzjon tal-petrol, dan tal-aħħar huwa obbligat li jħallas il-prezz bil-quddiem għall-provvista tal-prodotti lill-istazzjon tal-petrol. L-operatur tal-istazzjon tal-petrol jeffettwa l-ħlas billi jnaqqas mill-prezz tal-bejgħ lill-pubbliku ffissat mill-kumpannija distributriċi, inkluża t-taxxa fuq il-valur miżjud (VAT), l-ammont tal-'kummissjoni' li għaliha huwa intitolat, inkluża l-VAT relatata mal-imsemmi ammont. Il-karburant ikkunsinnjat normalment jinbiegħ fi żmien ferm iqsar mit-terminu ta' disat ijiem meħtieġ għall-ħlas mir-rikorrenti lill-konvenut. Kull xahar, [il-fornitur] jiddebita jew jikkredita, skont il-każ, lill-operatur tal-istazzjon tal-petrol skont il-varjazzjonijiet — ogħla jew orħos — tal-prezzijiet iffissati għall-karburanti ikkunsinnati. L-ispejjeż tat-trasport tal-prodotti jitħallsu mill-fornitur;

— L-operatur tal-istazzjon tal-petrol jiggarantixxi u huwa responsabbli għall-klijenti li jkunu abbonaw bl-intervent tiegħu għall-użu tal-karta ta' kreditu maħluqa u amministrata mill-grupp ta' kumpanniji li huwa parti minnu l-fornitur, jirċievi d-dħul mill-bejgħ li jsir permezz tal-imsemmija karta ta' kreditu fi żmien xahar wara li jkun sar dan il-bejgħ, jiffinanzja parti żgħira mill-ispejjeż relatati mal-użu tal-karta ta' lealtà tal-kumpannija ta' distribuzzjoni ta' prodotti petroliferi u jassumi r-riskju għad-djun mhux imħallsa mill-klijenti li jkun tahom direttament kreditu;

— Il-kumpannija li tforni l-prodotti petroliferi tagħmel tajjeb għall-ispejjeż ta' stallazzjoni u ta' manutenzjoni fl-istazzjon tal-petrol, marbuta mal-immaġni tal-marka tagħha u, fl-istess ħin, hija tittrasferixxi lill-operatur tal-istazzjon tal-petrol t-tankijiet u l-pompi tal-petrol li hija ma tistax tuża, mingħajr il-kunsens bil-miktub mill-fornitur, għall-bejgħ ta' prodotti oħra minbarra dawk ikkunsinnjati minn dan tal-aħħar, u li l-valur tagħhom huwa stmat preċiżament għall-ammont li għalih l-operatur għamel garanzija bankarja fuq l-ewwel talba favur il-fornitur.

b) Jekk dan ikun il-każ, ir-Regolament Nru 1984/83 u, b'mod partikolari, l-Artikoli 10 sa 13 tiegħu, għandhom jiġi interpretati fis-sens li kuntratt ta' dan it-tip jaqa' taħt il-kamp ta' applikazzjoni ta' dawn id-dispożizzjonijiet, b'tali mod li l-projbizzjoni prevista fl-Artikolu [85](1) [tat-Trattat] mhijiex applikabbli jekk il-kuntratt jissodisfa l-kundizzjonijiet meħtieġa minn dawn id-dispożizzjonijiet biex jibbenefika mill-eżenzjoni?

ċ) F'dan il-każ, hemm lok li jiġi interpretat l-Artikolu 11 ta' dan ir-regolament ladarba l-kuntratt

inkwistjoni jimponi iktar minn restrizzjoni waħda fuq il-kompetizzjoni inkwantu, minbarra l-klawżola ta' provvista esklużiva li tistabbilixxi n-nuqqas ta' kompetizzjoni, dispożizzjoni kuntrattwali oħra tipprovdi li l-prezz tal-bejgħ huwa stabbilit mill-fornitur? L-awtorizzazzjoni mogħtija mill-[fornitur] lill-[operatur ta] l-istazzjon tal-petrol li tippermetti lil [dan tal-aħħar] li jnaqqas il-prezz tal-bejgħ mingħajr ma jaffettwa d-dħul [ta' l-imsemmi fornitur], li seħħet f'Novembru 2001, tippermetti li l-kuntratt jitqies bħala validu?"

IV — Il-proċedura quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja

26. CEPSA, Tobar kif ukoll il-Kummissjoni tal-Komunitajiet Ewropej ippreżentaw osservazzjonijiet bil-miktub, b'mod konformi mal-Artikolu 23 tal-Istatut tal-Qorti tal-Ġustizzja. Huma ġew mismugħa wkoll fit-trattazzjonijiet orali tagħhom waqt is-seduta tas-7 ta' Ġunju 2007.

V — Analiżi

27. Il-qorti tar-rinviju tqajjem żewġ domandi li jidhru li huma bbażati fuq sitwazzjonijiet opposti. L-ewwel serje ta' domandi [id-domanda 1(a) sa (d)], ġiet imqajma fil-każ li r-relazzjoni kuntrattwali inkwistjoni fil-kawża prinċipali tista' tiġi kkwalifikata bħala relazzjoni ta' rappreżentanza bejn il-prinċipal u l-intermedjarju tiegħu [6]. It-tieni serje ta' domandi [id-domanda 2(a) sa (ċ)] saret fil-każ li din ir-relazzjoni kuntrattwali tiġi kkunsidrata bħala relazzjoni bejn żewġ impriżi awtonomi, u li tikkonsisti, essenzjalment, fl-istabbiliment tal-interpretazzjoni tal-Artikolu 85 tat-Trattat u tar-Regolament Nru 1984/83 fid-dawl tal-fatti tal-kawża prinċipali [7].

28. Għalkemm huwa possibbli li ż-żewġ domandi li saru lill-Qorti tal-Ġustizzja jiġu mwieġba waħda wara l-oħra, jiena nipproponi li tintuża metodoloġija differenti, jiġifieri li dawn id-domandi jiġu eżaminati skont it-temi li huma jqajmu. Għaldaqstant, fl-ewwel lok għandha tiġi eżaminata l-kwistjoni tal-klassifikazzjoni ta' kuntratt, bħal dak fil-kawża prinċipali, bħala "akkordji bejn impriżi" fis-sens tal-Artikolu 85(1) tat-Trattat [id-domanda 1(a) u d-domanda, 2(a)], fit-tieni lok, li jiġi evalwat, abbażi taż-żewġ każijiet previsti mill-qorti tar-rinviju, jekk l-eżenzjoni skont il-kategorija prevista mir-Regolament Nru 1984/83 (u sussegwentement mir-Regolament Nru 2790/1999) tistax tkun applikabbli [id-domanda 1(b) u (ċ) u d-domanda 2(b) u (ċ)] u, fit-tielet lok, li jiġu eżaminati, fil-każ fejn l-eżenzjoni skont il-kategorija hawn fuq imsemmija hija inap-

6 — Ara, minbarra t-test tal-ewwel domanda (a), l-ewwel sentenza tal-punt bit-titolu "fis-seba' lok" fid-deċiżjoni tar-rinviju (p. 13 tal-verżjoni oriġinali).

7 — Nosserva, f'dan ir-rigward, li għalkemm id-domandi magħmula mill-qorti tar-rinviju jirreferu unikament għad-dispożizzjonijiet tar-Regolament Nru 1984/83, il-motivazzjoni tad-deċiżjoni tar-rinviju ssemmi wkoll dawk tar-Regolament Nru 2790/1999, li jirriżulta li huwa ugwalment rilevanti fir-rigward tal-fatti fil-kawża prinċipali.

plikabbli, il-konsegwenzi fl-eventwalità ta' nullità tal-kuntratt [id-domanda 1(d)].

A — *Fuq il-klassifikazzjoni ta' kuntratt, bħal dak fil-kawża prinċipali, bħala "akkordju bejn impriżi" fis-sens tal-Artikolu 85(1) tat-Trattat [id-domanda 1(a) u d-domanda 2(a)]*

29. Essenzjalment, permezz tad-domanda 1(a), il-qorti tar-rinviju tistaqsi jekk, fl-ipoteżi li l-kuntratt inkwistjoni għandu jitqies bħala *kuntratt ġenwin ta' rappreżentanza*, tali kuntratt jaqax taħt il-kamp ta' applikazzjoni tal-Artikolu. Hija tistaqsi, fid-domanda 2(a), jekk kuntratt bħal dak inkwistjoni fil-kawża prinċipali jaqax taħt il-kamp ta' applikazzjoni tal-Artikolu 85(1) tat-Trattat, fid-dawl b'mod partikolari tal-fatt li l-prezz tal-bejgħ huwa stabbilit mill-fornitur.

30. Kif il-Qorti tal-Ġustizzja diġà ddeċidiet fil-kawża Confederación Española de Empresarios de Estaciones de Servicio (iktar 'il quddiem "CEEES"), il-ftehim vertikali bħall-kuntratti bejn CEPSA u l-operaturi ta' stazzjonijiet tal-petrol ma jaqgħux taħt l-Artikolu 85 tat-Trattat ħlief jekk l-operatur jitqies bħala operatur ekonomiku indipendenti u jkun jeżisti, għaldaqstant, akkordju bejn żewġ impriżi [8]. Skont ġurisprudenza stabbilita, il-kunċett ta' impriża, għall-finijiet tad-dritt Komunitarju dwar il-kompetizzjoni, jinkludi kull entità li twettaq attività ekonomika, indipendentement mill-istatus ġuridiku u l-mod ta' ffinanzjar ta' din l-entità. Barra minn hekk, attività ekonomika tfisser kull attività li tikkonsisti fl-offerta ta' prodotti jew servizzi f'suq partikolari [9].

31. F'dan ir-rigward, għandu jiġi ppreċiżat, kif osservaw il-qorti tar-rinviju u l-Kummissjoni, li r-rappreżentanti kummerċjali fil-prinċipju joperaw f'żewġ swieq distinti: minn naħa, is-suq upstream fejn ir-rappreżentant kummerċjali joffri s-servizzi tiegħu bħala intermedjarju lil prinċipali potenzjali u, min-naħa l-oħra, is-suq downstream, fejn ir-rappreżentant joffri lil klijenti potenzjali l-merkanzija jew is-servizzi tal-prinċipal [10].

32. Fl-ewwel suq, ir-rappreżentanti kummerċjali huma bħala regola ġenerali operaturi ekonomiċi indipendenti u, konsegwentement, impriżi fis-sens tal-Artikolu 85(1) tat-Trattat. Barra minn hekk, il-klawżoli ta' kuntratt ta' rappreżentanza kummerċjali li permezz tagħhom prinċipal jipprojbixxi lil rappreżentant li jaġixxi għal impriżi kompetituri (klawżoli ta' non-kompetizzjoni)

8 — Is-sentenza tal-14 ta' Diċembru 2006, Confederación Española de Empresarios de Estaciones de Servicio (C-217/05, Ġabra p. I-11987, punt 39).

9 — Ara, b'mod partikolari, is-sentenza tal-11 ta' Lulju 2006, FENIN vs Il-Kummissjoni (C-205/03 P, Ġabra p. I-6295, punt 25).

10 — Ara wkoll, f'dan is-sens, il-punt 43 tal-konklużjonijiet tal-Avukat Ġenerali Kokott ippreżentati fil-kawża CEEES, iċċitata iktar 'il fuq.

għandhom jiġu evalwati fid-dawl tal-Artikolu 85 tat-Trattat [11].

33. Min-naħa l-oħra, fit-tieni suq, jiġifieri dak tal-bejgħ tal-prodotti jew tas-servizzi tal-prinċipal lill-klijenti potenzjali, ir-rappreżentant kummerċjali, minkejja l-fatt li għandu personalità ġuridika distinta minn dik tal-prinċipal tiegħu, jitlef il-kwalità tiegħu bħala operatur ekonomiku indipendenti jekk huwa ma jidħol għal ebda riskju finanzjarju jew kummerċjali fir-rigward ta' din l-attività ekonomika, u b'hekk ma jkunx jista' jiddetermina b'mod awtonomu l-aġir tiegħu fis-suq peress li jkun jiddependi għal kollox fuq il-prinċipal tiegħu. Jekk dak huwa l-każ, il-projbizzjoni stabbilita fl-Artikolu 85(1) tat-Trattat hija, fil-prinċipju, inapplikabbli għar-relazzjonijiet bejn ir-rappreżentant u l-prinċipal tiegħu [12]. Dan ir-rappreżentant b'hekk jitqies bħala entità awżiljarja li tifforma parti integrali mill-impriża tal-prinċipal.

34. Il-Qorti tal-Ġustizzja tidher li analizzat din id-dikotomija, ibbażata fuq is-swieq differenti li fihom jopera r-rappreżentant, fis-sentenza CEEES, iċċitata iktar 'il fuq, fir-rigward tal-kuntratti konklużi bejn CEPSA u l-operaturi ta' stazzjonijiet tal-petrol, li hija ċertament rilevanti għal din il-kawża [13].

35. Wara li identifikat il-kriterji li jippermettu evalwazzjoni tat-tqassim effettiv tar-riskji finanzjarji u kummerċjali bejn l-operaturi ta' stazzjonijiet tal-petrol u l-fornitur ta' kombustibbli u karburanti, kif stabbilit fil-kuntratti inkwistjoni f'din il-kawża, sabiex tiġi stabbilita l-applikabbiltà tal-Artikolu 85 tat-Trattat — kwistjoni li ser neżamina iktar fid-dettall sussegwentement f'dawn il-konklużjonijiet, il-Qorti tal-Ġustizzja ppreċiżat li l-Artikolu 85 tat-Trattat huwa inapplikabbli mhux biss meta l-operatur ma jidħol għal ebda riskju finanzjarju u kummerċjali, iżda wkoll meta huwa jassumi biss parti negliġibbli minn dawn ir-riskji [14].

36. Madankollu hija qalet li, f'dan il-każ, "huma biss dawk l-obbligi imposti fuq [l-operatur] fil-kuntest *tal-bejgħ ta' merkanzija lil terzi għan-nom tal-prinċipal* li ma jaqgħux taħt il-kamp ta' applikazzjoni ta' dan l-Artikolu. Fil-fatt, kif sostniet ukoll il-Kummissjoni, kuntratt ta' rappreżentanza jista' jinkludi dispożizzjonijiet li jirrigwardaw ir-relazzjonijiet bejn ir-rappreżentant u l-prinċipal li għalihom japplika l-imsemmi Artikolu, bħal *klawżoli ta' esklużività u ta' non-kompetizzjoni*. F'dan ir-rigward, għandu jiġi kkunsidrat li, *fil-kuntest ta' dawn*

11 — Ibid (punt 44). Ara wkoll il-komunikazzjoni tal-Kummissjoni "Linji Gwida dwar ir-restrizzjonijiet vertikali", ĠU (2000) C 291, p. 1 (punt 19).

12 — Ara, f'dan is-sens. Sentenza Confederación Española de Empresoarios de Estaciones de Servicio, iċċitata iktar 'il fuq (punti 43 u 44 tas-sentenza).

13 — Minn perspettiva fattwali, nosserva li l-qorti tar-rinviju tippreċiża li l-klawżoli tal-kuntratt inkwistjoni jidhru li huma identiċi għal dawk tal-kuntratti li taw lok għar-rinviju preliminari fil-kawża CEEES, iċċitata iktar 'il fuq, li, skont il-punt 9 tas-sentenza f'din il-kawża, kienu jikkonċernaw 95 % tal-istazzjonijiet tal-petrol tan-netwerk CEPSA.

14 — Sentenza Confederación Española de Empresoarios de Estaciones de Servicio, iċċitata iktar 'il fuq (punt 61).

ir-relazzjonijiet, ir-rappreżentanti huma, fil-prinċipju, operaturi ekonomiċi indipendenti u li dawk il-klawżoli huma tali li jmorru kontra r-regoli tal-kompetizzjoni inkwantu jagħlqu *s-suq ikkonċernat*" [15].

37. Din il-preċiżjoni timplika li, meta r-rappreżentant kummerċjali jassumi biss, fis-suq tal-bejgħ tal-merkanzija lil terzi, riskju finanzjarju u kummerċjali li huwa mill-iktar negliġibbli, hija biss dik il-parti tar-relazzjoni kuntrattwali bejn ir-rappreżentant u l-prinċipal li hija bbażata fuq klawżoli kuntrattwali li jirrigwardaw dan is-suq li ma taqax taħt il-kamp ta' applikazzjoni tal-Artikolu 85(1) tat-Trattat, u mhux ir-relazzjoni kuntrattwali kollha.

38. Tali klawżoli jistgħu jaqgħu taħt il-kamp ta' applikazzjoni tal-Artikolu 85 tat-Trattat biss jekk ir-rappreżentant kummerċjali jassumi, mill-inqas, parti mhux negliġibbli tar-riskji finanzjarji u kummerċjali relatati mal-bejgħ ta' merkanzija (u/jew ta' servizzi) lil terzi għan-nom tal-prinċipal.

39. Min-naħa l-oħra, il-klawżola ta' non-kompetizzjoni stipulata bejn ir-rappreżentant kummerċjali u l-prinċipal tiegħu, *li hija relatata mas-suq tas-servizzi ta' intermedjarju,* tibqa' taħt il-kamp ta' applikazjoni tal-Artikolu 85(1) tat-Trattat, *indipendentement* mir-riskji finanzjarji u kummerċjali li jistgħu jkunu assunti mir-rappreżentant kummerċjali fis-*suq tal-bejgħ ta' merkanzija lil terzi għan-nom tal-prinċipal*. Dan l-approċċ jidher li huwa ġġustifikat mill-fatt li klawżola ta' dan it-tip, li taffettwa l-kompetizzjoni bejn marka u oħra, mhijiex inerenti fil-kuntratt ta' rappreżentanza.

40. Kuntratt ta' rappreżentanza jaqa' fl-intier tiegħu taħt il-kamp ta' applikazzjoni tal-Artikolu 85 tat-Trattat jekk ikun jinkludi, minbarra klawżola ta' non-kompetizzjoni, bħal dik imsemmija fil-punt 17 ta' dawn il-konklużjonijiet, klawżoli li permezz tagħhom ir-rappreżentant jassumi, mill-inqas, parti mhux negliġibbli tar-riskji finanzjarji u kummerċjali marbuta mal-bejgħ tal-merkanzija lil terzi għan-nom tal-prinċipal. F'dawn iċ-ċirkustanzi, ir-relazzjoni kuntrattwali ma tibqax relazzjoni ġenwina ta' rappreżentanza kummerċjali.

41. F'dan ir-rigward, permezz tad-domanda 2(a) tagħha, il-qorti tar-rinviju tixtieq tkun taf jekk, fid-dawl tal-karatteristiċi tar-relazzjoni kuntrattwali bejn CEPSA u Tobar, elenkati f'din id-domanda, l-Artikolu 85(1) tat-Trattat għandux jiġi interpretat fis-sens li jipprojbixxi dan it-tip ta' kuntratt, b'mod partikolari minħabba li l-prezz tal-bejgħ huwa ffissat mill-fornitur.

42. Għalkemm CEPSA tikkontesta bil-qawwa l-preżentazzjoni u l-evalwazzjoni tar-relazzjonijiet kuntrattwali tagħha ma'

15 — Punt 62 (enfażi miżjuda).

Tobar, kif saru mill-qorti tar-rinviju fid-domanda 2(a) tagħha, hija ġurisprudenza stabbilita li, fil-kuntest tal-proċedura prevista fl-Artikolu 234 KE, li hija bbażata fuq separazzjoni netta bejn il-funzjonijiet tal-qrati nazzjonali u tal-Qorti tal-Ġustizzja, kull evalwazzjoni tal-fatti fil-kawża taqa' taħt il-kompetenza tal-qorti nazzjonali li tibqa' responsabbli għad-deċiżjoni ġudizzjarja li għandha tingħata [16]. Bl-istess mod, jaqa' wkoll taħt il-kompetenza tal-qorti nazzjonali, bl-esklużjoni tal-Qorti tal-Ġustizzja, il-kompitu tal-applikazzjoni tar-regoli Komunitarji li jkunu ġew interpretati mill-Qorti tal-Ġustizzja għal sitwazzjonijiet partikolari [17].

43. Fil-kuntest tat-tqassim tal-kompetenzi bejn il-qrati Komunitarji u nazzjonali, madankollu, hija l-Qorti tal-Ġustizzja, fid-dawl tal-kuntest fattwali u regolatorju li fih isiru d-domandi preliminari, kif definit mid-deċiżjoni tar-rinviju [18], u bil-għan li tingħata risposta utli lill-qorti tar-rinviju, li għandha tippreċiża l-kriterji li jippermettu evalwazzjoni tat-tqassim effettiv tar-riskji finanzjarji u kummerċjali bejn l-operatur ta' stazzjoni tal-petrol u l-fornitur ta' kombustibbli, kif stabbilit fil-kuntratt inkwistjoni fil-kawża prinċipali [19].

44. Dan premess, tali kriterji ġew stabbiliti mill-Qorti tal-Ġustizzja fis-sentenza CEEES, iċċitata iktar 'il fuq, u dawn għandhom jiġu mfakkra f'li ġej minħabba r-rilevanza tagħhom għal din il-kawża.

45. Skont din is-sentenza, huwa fil-kompetenza tal-qorti nazzjonali li tikkunsidra, minn naħa, ir-riskji marbuta mal-bejgħ tal-merkanzija, bħall-iffinanzjar tal-ħażniet ta' karburanti, u min-naħa l-oħra, ir-riskji marbuta mal-investimenti speċifiċi għas-suq, jiġifieri dawk li huma neċessarji sabiex l-operatur tal-istazzjon tal-petrol ikun jista' jinnegozja jew jikkonkludi kuntratti ma' terzi [20].

46. Fir-rigward tal-ewwel kategorija ta' riskji, jirriżulta wkoll mis-sentenza CEEES, iċċitata iktar 'il fuq, li l-operatur probabbilment jassumi dawn ir-riskji, totalment jew parzjalment, meta huwa jgawdi l-proprjetà tal-merkanzija li jkun kiseb mingħand il-fornitur, qabel ma terġa' tinbiegħ lil terzi, meta jassumi, direttament jew indirettament, l-ispejjeż marbuta mad-distribuzzjoni tal-merkanzija, b'mod partikolari l-ispejjeż tat-trasport, meta huwa jżomm ħażniet bi spejjeż tiegħu u/jew jassumi r-responsabbiltà għall-ħsarat li jistgħu jsiru lil din il-merkanzija, bħat-telf jew id-deterjorament tagħhom, kif ukoll għad-danni kkawżati mill-prodotti mibjugħa lil terzi, indipendentement mir-responsabbiltà għall-ħtija tar-rappreżentant [21]. Ir-riskju finanzjarju marbut mal-merkanzija għandu wkoll jiġi evalwat, b'mod partikolari għal dak li jirrigwarda l-ħlas għall-karburanti fil-każ fejn l-operatur ma jsibx xerrej jew f'każ ta'

16 — Ara, b'mod partikolari, f'dan is-sens, is-sentenza tat-18 ta' Diċembru 2007, Laval un Partneri, C-341/05, Ġabra p. I-11767 (punt 45 u l-ġurisprudenza ċċitata).

17 — Ara, f'dan is-sens, is-sentenza CEEES, iċċitata iktar 'il fuq (punt 49 u l-ġurisprudenza ċċitata).

18 — Senenza Laval un Partneri, iċċitata iktar 'il fuq (punt 47 u l-ġurisprudenza ċċitata).

19 — Ara, f'dan is-sens, is-sentenza CEEES, iċċitata iktar 'il fuq (punt 50).

20 — *Ibidem* (punt 51).

21 — *Ibidem* (punti 52 sa 55).

ħlas iddifferit bl-użu ta' karta ta' kreditu, skont is-sistema applikabbli għall-ħlas tal-karburanti [22].

47. Fir-rigward tar-riskji marbuta mal-investimenti speċifiċi għas-suq, it-trasferiment tal-istazzjon tal-petrol lill-operatur isir, skont il-Qorti tal-Ġustizzja, meta dan tal-aħħar jagħmel investimenti speċifiċi relatati mal-bejgħ tal-merkanzija, bħal dawk fir-rigward tas-sit jew it-tagħmir bħal tankijiet tal-petrol, jew meta jimpenja ruħu li jinvesti f'attivitajiet ta' promozzjoni [23].

48. Kif diġà semmejt, mhuwiex neċessarju, sabiex l-Artikolu 85(1) tat-Trattat ikun applikabbli li l-operatur jassumi r-riskji kollha msemmija hawn fuq — li, barra minn hekk, mhumiex eżawrjenti — kemm-il darba jassumi parti mhux negliġibbli. Huwa biss fl-ipoteżi fejn, minn naħa, l-operatur ma jassumi ebda riskju li jirriżulta mill-kuntratti nnegozjati jew konklużi għan-nom tal-fornitur jew, min-naħa l-oħra, kif huwa spjegat ukoll fis-sentenza CEEES iċċitata iktar 'il fuq, huwa jassumi biss parti negliġibbli mill-imsemmija riskji, li r-relazzjoni kuntrattwali bejn dan ir-rappreżentant u l-prinċipal, fir-rigward tas-suq ta' bejgħ tal-merkanzija lil terzi, tista' titqies li ma taqax taħt il-kunċett ta' akkordji bejn impriżi, fis-sens tal-Artikolu 85(1) tat-Trattat [24]. Fil-fatt, mill-perspettiva ekonomika, ma teżisti l-ebda differenza bejn is-sitwazzjoni ta' rappreżentant kummerċjali li ma jassumi l-ebda riskju marbut mal-operazzjonijiet imwettqa bl-intervent tiegħu, u dik ta' rappreżentant li jassumi biss parti negliġibbli minnhom [25].

49. Fil-kawża prinċipali, u fir-rigward tar-riskji marbuta mal-bejgħ tal-merkanzija, il-qorti tar-rinviju tippreċiża, fl-ewwel lok, li l-operatur tal-istazzjon tal-petrol jassumi "ir-riskju" marbut mal-prodotti sa mid-data tal-kunsinna tagħhom mill-fornitur fit-tank ta' riżerva li jinsab fl-istazzjon tal-petrol, fit-tieni lok, li huwa responsabbli għall-ħsarat li jistgħu jsiru lil dawn il-prodotti kif ukoll kull ħsara li tista' tiġi kkawżata minn dawn il-prodotti, fit-tielet lok, li l-operatur huwa obbligat li jħallas lil CEPSA l-ammont tal-bejgħ tal-karburanti fi żmien disat ijiem mid-data tal-kunsinna tagħhom, indipendentement mill-fatt jekk ikunux inbiegħu lil terzi, u fin-nuqqas ta' dan l-operatur huwa obbligat li jħallas il-prezz qabel il-kunsinna tal-prodotti u l-fornitur huwa awtorizzat li jinforza l-garanzija bankarja ekwivalenti għal ħmistax-il jum ta' kunsinna maħruġa minn qabel mill-operatur, fir-raba' lok, li huwa jassumi r-riskju ta' diskrepanzi fil-volum, ikkawżat mill-bidliet fit-temperatura tal-kombustibbli, b'tali mod li huwa obbligat li jħallas għal-litri kkunsinnati minn CEPSA anki jekk ikun biegħ inqas, u fil-ħames lok, li t-trasferiment tal-kombustibbli jinvolvi l-fatturazzjoni tal-VAT bejn CEPSA u l-operatur.

50. Dawn l-elementi donnhom jindikaw li l-kombustibbli huma suġġetti għal trasferiment ta' proprjetà bejn CEPSA u l-operatur fil-mument li jiġu rċevuti minn dan tal-aħħar

22 — *Ibidem* (punt 56).

23 — *Ibidem* (punt 59).

24 — *Ibidem* (punti 43 u 61).

25 — Ara, f'dan is-sens, il-konklużjonijiet iċċitati iktar 'il fuq tal-Avukat Ġenerali Kokott (punt 64).

u li l-operatur jassumi r-riskji marbuta ma' dan it-trasferiment, inkluż, jekk ikun il-każ, ir-riskju marbut mar-responsabbiltà għall-prodotti.

51. Barra minn hekk, ir-riskju ta' diskrepanzi fil-volum li jassumi l-operatur jista' jitqies bħala simili, kif sostniet ġustament il-Kummissjoni, għal riskju ta' telf tal-merkanzija [26].

52. Minbarra dan, skont l-ispjegazzjonijiet mogħtija mid-deċiżjoni tar-rinviju, l-operatur jidher li jiggarantixxi u jassumi r-responsabbiltà għad-djun mhux imħallsa mill-klijenti li jkunu abbonaw, bl-intervent tiegħu, għas-sistema tal-karta ta' kreditu maħluqa u amministrata minn CEPSA, djun li jistgħu jikkorrispondu għal ammonti mhux negliġibbli, fid-dawl tal-fatt li d-deċiżjoni tar-rinviju ssemmi eżempju ta' dejn mhux imħallas ta' iktar minn EUR 30 000.

53. Għalkemm il-qorti tar-rinviju tippreċiża li CEPSA tassumi r-riskji relatati mat-trasport tal-merkanzija, l-elementi msemmija hawn fuq, anki jekk għandhom jiġu evalwati konkretament mill-qorti tar-rinviju, fil-fehma tiegħi jindikaw li Tobar tassumi riskji mhux negliġibbli relatati mal-bejgħ tal-prodotti petroliferi li huma s-suġġett tal-kuntratt inkwistjoni.

54. Fir-rigward tat-tqassim tar-riskji relatati mal-investimenti speċifiċi għas-suq, għandu jiġi osservat li l-qorti tar-rinviju ma tagħtix indikazzjonijiet suffiċjenti dwar din il-kwistjoni. Ċertament, hija tippreċiża li CEPSA tagħmel tajjeb għall-ispejjeż tal-istallazzjoni u l-manutenzjoni tal-istazzjon tal-petrol marbuta mal-immaġni tal-marka tagħha u li hija tittrasferixxi t-tankijiet u l-pompi tal-petrol lill-operatur. Jirriżulta wkoll mid-deċiżjoni tar-rinviju li Tobar hija l-proprjetarja tal-istazzjon tal-petrol u li hija obbligata tagħmel garanzija bankarja għal ammont li jikkorrispondi għat-tagħmir ittrasferit minn CEPSA, li jagħti x'jifhem, kif sostniet il-Kummissjoni, li l-operatur jassumi spejjeż mhux negliġibbli u huwa mġiegħel jirrikorri għas-suq finanzjarju, bl-istess mod bħallikieku l-operatur kellu jistabbilixxi ruħu għal rasu. Madankollu, id-deċiżjoni tar-rinviju ma tagħti ebda indikazzjoni, lanqas b'mod approssimattiv, dwar l-ispejjeż li l-partijiet kontraenti jassumu u d-dħul li huma jiksbu u lanqas dwar l-użu eventwali tat-tagħmir, u d-diprezzament tagħhom, meta tintemm ir-relazzjoni kuntrattwali. Huwa fil-kompetenza tal-qorti tar-rinviju li tevalwa n-natura tal-investimenti mwettqa mill-partijiet li huma relatati mal-bejgħ tal-merkanzija inkwistjoni, fid-dawl ta' dawn l-elementi kollha.

55. Fil-każ li jirriżulta mill-eżami li għandu jsir mill-qorti nazzjonali li l-operatur tal-istazzjon tal-petrol jassumi parti mhux negliġibbli tar-riskji kummerċjali u finanzjarji relatati mal-operazzjonijiet imwettqa bl-intervent tiegħu, dan ir-rappreżentant għandu jitqies bħala operatur ekonomiku indipendenti. Ir-relazzjoni kuntrattwali esklużiva li torbtu mal-fornitur b'hekk taqa' taħt il-kunċett ta' akkordji bejn impriżi, fissens tal-Artikolu 85(1) tat-Trattat. Isegwi li l-klawżola dwar l-obbligu għall-operatur li jbiegħ il-kombustibbli bi prezz iffissat mill-fornitur, imsemmija fl-aħħar tad-domanda

26 — Ara wkoll, f'dan ir-rigward, il-Linji Gwida iċċitati iktar 'il fuq (punt 16).

2(a) tal-qorti tar-rinviju, taqa' taħt il-kamp ta' applikazzjoni ta' din id-dispożizzjoni, peress li l-kundizzjonijiet kollha għall-applikazzjoni tal-Artikolu 85(1) tat-Trattat huma sodisfatti [27]. Jekk dan huwa l-każ, dik il-klawżola taqa' taħt il-projbizzjoni stabbilita fl-Artikolu 85(1)(a) tat-Trattat. B'hekk tqum il-kwistjoni sussegwenti dwar jekk l-obbligu impost fuq l-operatur li jbiegħ il-kombustibbli bi prezz stabbilit jistax jaqa' taħt l-eżenzjoni skont il-kategorija prevista fl-Artikoli 10 sa 13 tar-Regolament Nru 1984/83 [28], kwistjoni li ser tiġi indirizzata iktar 'il quddiem f'dawn il-konklużjonijiet.

56. Min-naħa l-oħra, fil-każ li l-qorti tar-rinviju tasal għall-konstatazzjoni li l-operatur tal-istazzjon tal-petrol jassumi biss porzjon negliġibbli tar-riskji marbuta mal-operazzjonijiet imwettqa għan-nom tal-prinċipal, l-obbligi tal-intermedjarju li jirriżultaw mir-relazzjoni kuntrattwali relatati mas-suq tal-prodotti mibjugħa lil terzi ma jaqgħux taħt il-kamp ta' applikazzjoni tal-Artikolu 85(1) tat-Trattat. B'hekk, kif diġà ppreċiżat il-Qorti tal-Ġustizzja, l-obbligu impost fuq l-operatur li jbiegħ il-karburanti bi prezz iffissat mill-fornitur huwa inerenti għall-kapaċità ta' CEPSA li tiddelimita l-qasam ta' attività tar-rappreżentanti tagħha u lanqas ma jaqa' taħt il-kamp ta' applikazzjoni tal-Artikolu 85(1) tat-Trattat [29].

57. Abbażi ta' dawn il-konsiderazzjonijiet kollha, nipproponi li r-risposta li għandha tingħata għad-domanda 1(a), u għad-domanda 2(a), għandha tkun li, *fir-rigward tas-suq tal-bejgħ tal-merkanzija lit-terzi,* il-klawżoli ta' kuntratt, inkluża dik relatata mal-iffissar tal-prezz tal-bejgħ finali lill-pubbliku, bejn fornitur ta' kombustibbli u l-operatur ta' stazzjon tal-petrol, li permezz tagħhom dan tal-aħħar jassumi biss, mill-iktar, parti negliġibbli tar-riskji finanzjarji u kummerċjali relatati mal-bejgħ tal-imsemmija merkanzija, ma jikkostitwixxux akkordji bejn impriżi fis-sens tal-Artikolu 85(1) tat-Trattat, anki jekk dan il-kuntratt ikun jinkludi wkoll klawżola ta' non-kompetizzjoni jew ta' esklużività li permezz tagħha l-operatur jintrabat li jikseb il-provvisti tiegħu esklużivament mingħand il-fornitur. Klawżola ta' non-kompetizzjoni jew ta' esklużività f'tali kuntratt, li permezz tagħha l-operatur jintrabat li jikseb il-provvisti tiegħu esklużivament mingħand il-fornitur u li tirrigwarda *s-suq tas-servizzi ta' rappreżentanza,* tikkostitwixxi akkordju bejn impriżi fis-sens tal-Artikolu 85(1) tat-Trattat. Bl-istess mod, jikkostitwixxi akkordju bejn impriżi fis-sens tal-Artikolu 85(1) tat-Trattat, kuntratt ta' distribuzzjoni konklużbejn fornitur ta' kombustibbli u l-operatur ta' stazzjon tal-petrol meta dan l-operatur jassumi, fi proporzjon mhux negliġibbli, riskju jew riskji finanzjarji u kummerċjali marbuta mal-bejgħ ta' dawn il-kombustibbli lit-terzi. Sabiex tiġi stabbilita l-applikabbiltà tal-Artikolu 85(1) tat-Trattat fil-kawża prinċipali, hija l-qorti nazzjonali li għandha tevalwa, fir-rigward tal-klawżoli tal-kuntratt

27 — F'dan ir-rigward, għandu jiġi mfakkar li, sabiex jiġi evalwat jekk akkordju ta' xiri esklużiv għandux l-iskop jew l-effett li jirrestrinġi b'mod sinjifikattiv il-kompetizzjoni fis-suq intern, u jekk huwiex tali li jolqot il-kummerċ bejn l-Istati Membri, għandu jiġi kkunsidrat il-kuntest ekonomiku u ġuridiku li fi ħdanu jkun jinsab u jekk jistax iwassal, flimkien ma' fatturi oħra, għal effett kumulattiv fuq il-kompetizzjoni. Din hija r-raġuni għalfejn għandhom jiġu eżaminati l-effetti li jipproduċi kuntratt ta' dan it-tip, flimkien ma' kuntratti oħra tal-istess tip, fuq il-possibiltajiet għall-kompetituri nazzjonali jew minn Stati Membri oħra, li jistabbilixxu ruħhom fis-suq rilevanti jew li jkabbru s-sehem tagħhom fis-suq [ara, b'mod partikolari, is-sentenzi tat-28 ta' Frar 1991, Delimitis (C-234/89, Ġabra p. I-935, punti 13 sa 15), u Neste, iċċitata iktar 'il fuq (punt 25)].

28 — Ara, f'dan is-sens, is-sentenza CEEES, iċċitata iktar 'il fuq (punt 63).

29 — *Ibidem.*

inkwistjoni, it-tqassim effettiv tar-riskji finanzjarji u kummerċjali bejn l-operatur tal-istazzjon tal-petrol u l-fornitur waqt li jitqiesu r-riskji marbuta mal-bejgħ tal-merkanzija u dawk marbuta mal-investimenti speċifiċi għas-suq. F'dan il-kuntest u kemm-il darba l-kundizzjonijiet għall-applikazzjoni tal-Artikolu 85(1) tat-Trattat jiġu sodisfatti, l-obbligu impost fuq l-operatur li jbiegħ il-kombustibbli bi prezz iffissat mill-fornitur jidher li mhuwiex kompatibbli mal-Artikolu 85(1)(a) tat-Trattat.

B — *Fuq l-applikabbiltà tal-eżenzjoni skont il-kategorija prevista mir-Regolament Nru 1984/83 (u sussegwentement mir-Regolament Nru 2790/1999) [id-domanda 1(b) u (ċ), id-domanda 2(b) u (ċ)]*

58. Permezz tad-domanda 1(b) tagħha, u d-domanda 2(b) tagħha, il-qorti tar-rinviju tistaqsi, essenzjalment, jekk il-kuntratt inkwistjoni fil-kawża prinċipali jistax jibbenefika mill-applikazzjoni tas-sistema ta' eżenzjoni skont il-kategorija stabbilita permezz tar-Regolament Nru 1984/83, li tapplika għall-ftehim ta' xiri esklużiv bil-għan ta' bejgħ mill-ġdid, jekk l-imsemmi kuntratt jissodisfa l-kundizzjonijiet previsti minn dan ir-regolament. Il-qorti nazzjonali ssemmi b'mod partikolari l-kundizzjonijiet relatati mat-tul massimu tal-klawżola ta' esklużività (jew ta' non-kompetizzjoni) u l-kwistjoni tal-ammont tal-vantaġġi ekonomiċi u finanzjarji li għandhom jingħataw mill-fornitur sabiex tali klawżola tkun tista' tiġi konkluża għal tul ta' iktar minn ħames snin [id-domanda 1(b) *in fine* u (ċ)]. Hija tistaqsi, barra minn hekk, dwar l-effett tal-klawżola kuntrattwali fir-rigward tal-iffissar tal-prezz tal-bejgħ mill-fornitur fuq l-applikabbiltà tas-sistema ta' eżenzjoni skont il-kategorija [id-domanda 2(ċ)].

59. Għandu jiġi mfakkar li r-Regolament Nru 1984/83 jipprovdi b'mod partikolari għall-applikazzjoni tal-Artikolu 85(3) tat-Trattat (li sar l-Artikolu 85(3) tat-Trattat) għall-ftehim ta' xiri esklużiv konkluż bil-għan ta' bejgħ mill-ġdid ta' prodotti petroliferi fi stazzjonijiet tal-petrol. Dawn ir-regoli, li huma differenti mid-dispożizzjonijiet ġenerali applikabbli għall-ftehim ta' xiri esklużiv, jinsabu fl-Artikoli 10 sa 13 tar-Regolament Nru 1984/83. L-Artikolu 10 ta' dan ir-regolament jeżenta mill-projbizzjoni prevista fl-Artikolu 85(1) tat-Trattat, l-obbligu ta' xiri esklużiv impost fuq il-bejjiegħ mill-ġdid mill-fornitur ta' karburanti u ta' kombustibbli bbażati fuq prodotti petroliferi, "bħala korrispettiv għall-għoti ta' vantaġġi ekonomiċi jew finanzjarji". L-Artikolu 11 tar-Regolament Nru 1984/83 isemmi r-restrizzjonijiet l-oħrajn fuq il-kompetizzjoni li jistgħu jiġu imposti fuq il-bejjiegħ mill-ġdid, minbarra dawk previsti fl-Artikolu 10, fosthom "l-obbligu li ma jbiegħx mill-ġdid fl-istazzjon tal-petrol indikata fl-akkordju karburanti għal vetturi b'mutur jew kombustibbli pprovduti minn terzi impriżi". L-Artikolu 12(ċ) ta' l-istess regolament jindika li l-Artikolu 10 ma japplikax jekk il-ftehim ikun konkluż għal tul indeterminat jew għal iktar minn għaxar snin.

60. Fil-fehma tiegħi, ir-risposta għad-domandi esposti fil-punt 58 hawn fuq tiddependi skont jekk il-kuntratt inkwistjoni fil-kawża prinċipali jiġix deskritt bħala relazzjoni ġenwina ta' rappreżentanza bejn il-partijiet fil-kawża prinċipali jew bħala

relazzjoni kuntrattwali bejn żewġ impriżi indipendenti (kuntratt ta' distribuzzjoni), dawn l-ipoteżi għandhom jiġu eżaminati waħda wara l-oħra hawnhekk.

1. Ipoteżi ta' relazzjoni ġenwina ta' rappreżentanza

61. Għalkemm ir-Regolament Nru 1984/83 japplika formalment għal ftehim vertikali ta' distribuzzjoni u ta' bejgħ mill-ġdid konklużi bejn żewġ impriżi indipendenti, il-Qorti tal-Ġustizzja kkunsidrat li l-eżenzjoni skont il-kategorija prevista fl-Artikoli 10 sa 13 tar-Regolament Nru 1984/83 setgħet ukoll tiġi applikata fil-kuntest ta' relazzjoni ta' rappreżentanza bejn fornitur ta' karburanti u ta' kombustibbli oħrajn u l-operaturi ta' stazzjonijiet tal-petrol [30].

62. Madankollu huwa evidenti li d-dispożizzjonijiet ta' dan ir-regolament ma japplikawx għall-obbligi kuntrattwali imposti fuq ir-rappreżentant kummerċjali fis-suq tal-bejgħ ta' merkanzija lil terzi jekk f'dak is-suq, dan ir-rappreżentant ma jassumi, skont il-klawżoli kuntrattwali li jorbtuh mal-prinċipal tiegħu, l-ebda riskju finanzjarju u kummerċjali jew jekk jassumi biss parti negliġibbli minn dawk ir-riskji marbuta ma' din l-attività, peress li, f'dak il-każ, dawn l-obbligi ma jaqgħux taħt il-kunċett ta' akkordju bejn impriżi fis-sens tal-Artikolu 85 tat-Trattat [31].

63. F'każ bħal dan, kif spjegaw CEPSA u Tobar, hija biss il-klawżola ta' esklużività jew ta' non-kompetizzjoni li torbot lir-rappreżentant mal-prinċipal tiegħu, meta titqies minnha nfisha bħala akkordju bejn impriżi fis-sens tal-Artikolu 85(1) tat-Trattat, li tista' tibbenefika mill-applikazzjoni tad-dispożizzjonijiet tal-Artikoli 10 sa 13 tar-Regolament Nru 1984/83. Klawżola ta' dak it-tip għandha tissodisfa l-kundizzjonijiet previsti mid-dispożizzjonijiet iċċitati iktar 'il fuq tar-Regolament, b'mod partikolari dik imsemmija fl-Artikolu 12(ċ) tiegħu dwar it-tul awtorizzat tal-akkordju.

64. F'dan ir-rigward, il-qorti tar-rinviju tistaqsi, essenzjalment, [id-domanda 1(ċ)] jekk esklużività għal tul ta' mhux iktar minn għaxar snin, bħal dik imsemmija fl-Artikolu 12(1)(ċ) tar-Regolament Nru 1984/83, għandhiex tkun suġġetta għall-għoti ta' vantaġġi ekonomiċi jew finanzjarji konsiderevoli mill-fornitur ta' kombustibbli, jew jekk dawn il-vantaġġi għandhomx sempliċement ikunu "mhux insinjifikattivi", peress li t-test tal-Artikolu 10 ta' l-istess regolament ma jippreċiżax l-ammont ta' dawn il-vantaġġi [32].

30 — Sentenza CEEES, iċċitata iktar 'il fuq (punt 63). Ara wkoll il-punti 45 u 74 tal-konklużjonijiet iċċitati iktar 'il fuq tal-Avukat Ġenerali Kokott.

31 — Ara iktar 'il fuq il-punti 33 sa 37 ta' dawn il-konklużjonijiet.

32 — Għandu jiġi osservat li, bis-saħħa tal-Artikolu 12(2) tar-Regolament Nru 1984/83, meta l-akkordju jikkonċerna stazzjon tal-petrol li l-fornitur ta b'kiri lill-bejjieġ mill-ġdid (operatur) jew li ta t-tgawdija tagħha fid-dritt jew fil-fatt, l-obbligi ta' xiri esklużiv u l-projbizzjonijiet ta' kompetizzjoni msemmija fit-Titolu III tar-Regolament (applikabbli għall-akkordji ta' stazzjonijiet tal-petrol) jistgħu jiġu imposti fuq il-bejjieġ mill-ġdid matul il-perijodu kollu li fih huwa jopera effettivament l-istazzjon tal-petrol. Din il-kwistjoni mhijiex l-oġġett tal-interpretazzjoni mitluba mill-qorti tar-rinviju, peress li din tosserva, barra minn hekk, fil-kawża prinċipali, li l-operatur tal-istazzjon tal-petrol huwa proprjetarju ta' din tal-aħħar.

65. Bl-eċċezzjoni tal-verżjoni Spanjola ta' dan l-artikolu li ma tuża l-ebda kwalifika tal-vantaġġi inkwistjoni, huwa minnu li, peress li jindika biss li l-vantaġġi ekonomiċi u finanzjarji mogħtija mill-fornitur bħala korrispettiv għall-esklużività fit-tul għandhom ikunu "partikolari", l-Artikolu 10 tar-Regolament Nru 1984/83 huwa pjuttost impreċiż fuq dan il-punt, peress li jista' jirreferi, kif jissuġġerixxu ċerti verżjonijiet lingwistiċi ta' din id-dispożizzjoni li jużaw il-kelma "speċjali" [33], jew għal vantaġġi mogħtija speċifikament lill-operatur tal-istazzjon tal-petrol, jiġifieri li huma speċifiċi għar-relazzjoni kuntrattwali inkwistjoni, jew vantaġġi mhux ordinarji, kif tagħti x'tifhem waħda mit-tifsiriet tal-aġġettiv "partikolari".

66. Dawn iż-żewġ tifsiriet tal-kelma "partikolari" jistgħu ċertament iwasslu biex jiġi eskluż li l-vantaġġi msemmija fl-Artikolu 10 tar-Regolament Nru 1984/83 jistgħu sempliċement ikunu insinjifikattivi. Għaldaqstant, għalkemm l-analiżi letterali tista' twassal għall-konklużjoni li l-vantaġġi mogħtija mill-fornitur għandhom ikunu, mill-inqas, "mhux insinjifikattivi", din ma tippermettix, min-naħa l-oħra, li jiġi affermat li dawn il-vantaġġi għandhom ikunu konsiderevoli.

67. Għaldaqstant, jirriżulta, fil-fehma tiegħi, mill-iskop tar-regolament inkwistjoni, li l-vantaġġi ekonomiċi u finanzjarji msemmija fl-Artikolu 10 tar-Regolament Nru 1984/83 għandhom ikunu suffiċjentement kbar sabiex jiġġustifikaw provvista esklużiva fit-tul għal perijodu ta' mhux iktar minn għaxar snin.

68. Kif tindika l-ħmistax-il premessa tar-Regolament Nru 1984/83, l-idea li fuqha huwa bbażat l-għoti tal-vantaġġi inkwistjoni mill-fornitur hija dik li "jiġu ffaċilitati *raġjonevolment* l-installazzjoni jew l-immodernizzar […] tal-istazzjonjiet tal-petrol, kif ukoll il-manutenzjoni u l-ġestjoni tagħhom" [traduzzjoni mhux uffiċjali] [34]. Fi kliem ieħor, inkwistjoni huwa l-iffaċilitar, kif sostniet il-Kummissjoni, tal-aċċess għas-suq tad-distribuzzjoni bl-imnut u espansjoni rapida tan-netwerk ta' distribuzzjoni, billi l-fornitur jassumi l-parti l-kbira tal-ispejjeż u tal-investimenti speċifikament marbuta mar-relazzjoni kuntrattwali [35]. B'mod konformi mal-Artikolu 85(3) tat-Trattat, li r-Regolament Nru 1984/83 huwa biss applikazzjoni speċifika tiegħu, in-natura indispensabbli tar-restrizzjoni tal-kompetizzjoni li jikkostitwixxi t-tul tal-esklużività ta' provvista tidher li hija ġġustifikata biss jekk ikun ferm improbabbli li, mingħajr il-vantaġġi ekonomiċi u finanzjarji mogħtija mill-fornitur, l-operatur ekonomiku jkun jista' jkollu aċċess għas-suq tal-bejgħ bl-imnut tal-karburanti. Fi kliem ieħor, peress li t-tul tal-esklużività tal-provvista aċċettat mill-operatur huwa fattur determinanti tal-effett ta' għeluq tas-suq [36], din ir-restrizzjoni tista' tiġi kkumpensata validament biss jekk il-vantaġġi mogħtija mill-fornitur ikunu, mill-inqas, sostanzjali [37].

33 — Bħall-verżjonijiet bil-Ġermaniż, l-Ingliż, il-Finlandiż, l-Olandiż u l-Iżvediż.

34 — Enfażi miżjuda.

35 — Ara, f'dan is-sens, il-Linji Gwida iċċitati iktar 'il fuq [punti 116(4) u 155].

36 — Ara, f'dan is-sens, is-sentenza Neste, iċċitata iktar 'il fuq (punti 32 u 33).

37 — Nosserva li s-sentenza Neste, iċċitata iktar 'il fuq (punt 34), tinsisti dwar l-importanza tal-investimenti mwettqa mill-fornitur.

69. Din hija r-raġuni għalfejn, kif huwa spjegat essenzjalment fit-tnax u t-tlettax-il premessa tar-Regolament Nru 1984/83, l-adozzjoni ta' regoli speċjali ta' eżenzjoni favur il-ftehim ta' stazzjonijiet tal-petrol hija ġġustifikata, sa fejn dawn il-ftehim ikunu ġeneralment ikkaratterizzati b'vantaġġi ekonomiċi u finanzjarji "partikolarment importanti", mogħtija mill-fornitur bi skambju għal obbligu min-naħa tal-bejjiegħ mill-ġdid ta' xiri esklużiv għal żmien twil.

70. Huwa minnu li l-kjarifika magħmula fit-tlettax-il premessa tar-Regolament Nru 1984/83, li tgħid li l-vantaġġi mogħtija huma partikolarment importanti, tinsab biss f'ċerti verżjonijiet lingwistiċi ta' dan it-test [38], filwaqt li oħrajn jużaw l-istess aġġettiv li jużaw fl-Artikolu 10 ta' l-istess regolament [39]. Madankollu, dan il-fatt ma jidhirx li huwa deċiżiv, meta jitqies, minn naħa, l-għan deskritt hawn fuq tal-leġiżlazzjoni inkwistjoni, u, min-naħa l-oħra, il-fatt li l-eżempji ta' investimenti elenkati fit-tlettax-il premessa tar-Regolament Nru 1984/83, fil-verżjonijiet lingwistiċi kollha ta' dan it-test, huma ta' importanza ekonomika jew finanzjarja ċerta. Barra minn hekk dawn l-eżempji juru, essenzjalment, li l-vantaġġi inkwistjoni huma, minn naħa, tabilħaqq "konċessi" mill-fornitur, jiġifieri jingħataw b'mod asimetriku, peress li dan tal-aħħar jinvesti iktar mill-operatur u, min-naħa l-oħra, jingħataw għal żmien twil mingħajr ma l-ispiża tal-investimenti tkun tista' tiġi rkuprata malajr [40].

71. Isegwi li, fil-kawża prinċipali, il-qorti tar-rinviju għandha tevalwa jekk il-vantaġġi ekonomiċi jew finanzjarji mogħtija minn CEPSA humiex ta' tali importanza li jiġġustifikaw il-fatt li l-esklużività tal-provvista li daħal għaliha Tobar tiġi konkluża għal tul ta' mhux iktar minn 10 snin.

72. F'dan ir-rigward, minbarra l-fatt li mhijiex il-Qorti tal-Ġustizzja li għandha tevalwa s-sitwazzjoni fattwali fil-kawża prinċipali, huwa diffiċli li tingħata risposta għad-domanda sussidjarja tal-qorti tar-rinviju dwar jekk ingħatawx investimenti partikolarment importanti minn CEPSA fil-kuntest tal-kuntratt inkwistjoni, fin-nuqqas ta' informazzjoni suffiċjenti, b'mod partikolari, dwar l-ammont tat-total tal-investimenti kollha li saru mill-fornitur, in-natura asimetrika tagħhom u l-perijodu tad-diprezzament tagħhom.

73. Jekk, fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet preċedenti, il-qorti tar-rinviju tikkunsidra li l-vantaġġi mogħtija minn CEPSA jistgħu jiġġustifikaw l-istipulazzjoni ta' klawżola ta' provvista esklużiva ta' mhux iktar minn għaxar snin, jiena tal-fehma li hija għandha tikkunsidra wkoll fl-eżami tagħha element supplementari, relatat mal-emenda tal-leġiżlazzjoni Komunitarja.

38 — Dan huwa l-każ tal-verżjonijiet bl-Ispanjol, il-Franċiż u l-Portugiż. Il-verżjoni Taljana tuża l-kelma "cospicui", li tissuġġerixxi li l-vantaġġi inkwistjoni għandhom ikunu mill-inqas importanti, jew saħansitra kunsiderevoli, u li tippermetti li ssir konnessjoni bejn din il-verżjoni u dawk li għadhom kemm issemmew.

39 — Ara, b'dan il-mod, il-verżjonijiet bil-Ġermaniż, bl-Ingliż, bil-Finlandiż, bl-Olandiż u bl-Iżvediż.

40 — Ara, f'dan is-sens, il-Linji Gwida iċċitati iktar 'il fuq [punt 116(4)].

74. Fil-fatt, peress li l-klawżola ta' esklużività fil-kawża prinċipali ġiet miftiehma fi Frar 1996 għal tul (inizjali) ta' għaxar snin (jiġifieri sa Frar 2006), għandu jiġi mfakkar li r-Regolament Nru 1984/83 ġie abrogat bir-Regolament 2790/1999 b'effett mill-1 ta' Ġunju 2000. Skont l-Artikolu 12(1) ta' dan ir-regolament, perijodu tranżitorju bi skadenza fil-31 ta' Diċembru 2001 ġie madankollu previst għall-ftehim li kienu diġà fis-seħħ fil-31 ta' Mejju 2000 u li kienu jissodisfaw il-kundizzjonijiet għal eżenzjoni abbażi tar-Regolament Nru 1984/83, iżda mhux dawk abbażi tar-Regolament Nru 2790/1999. Għaldaqstant, sa mill-1 ta' Jannar 2002, il-ftehim konkluż qabel il-31 ta' Mejju 2000 u li kienu jissodisfaw il-kriterji tar-Regolament Nru 1984/83 kellhom jissodisfaw, biex jibbenefikaw mill-eżenzjoni skont il-kategorija prevista mir-Regolament Nru 2790/1999, il-kundizzjonijiet stipulati minn dan tal-aħħar.

75. Min-naħa l-oħra, jekk dawn il-ftehim ma kinux jissodisfaw il-kundizzjonijiet tal-eżenzjoni skont il-kategorija previsti mir-Regolament Nru 1984/83, dawn il-ftehim kellhom, sabiex ikunu jistgħu jibbenefikaw mill-eżenzjoni skont il-kategorija abbażi tar-Regolament Nru 2790/1999, jissodisfaw il-kundizzjonijiet stipulati fl-imsemmi regolament sa mill-1 ta' Ġunju 2000.

76. Indipendentement mid-data rilevanti li minnha l-ftehim setgħu jiġu awtorizzati skont ir-Regolament Nru 2790/1999, dan tal-aħħar jipprovdi, b'mod partikolari, li l-eżenzjoni skont il-kategorija ma tapplikax, skont l-Artikolu 5 tiegħu, għall-obbligu dirett jew indirett ta' non-kompetizzjoni li t-tul tiegħu huwa indefinit jew li huwa ta' iktar minn ħames snin (obbligu ta' non-kompetizzjoni li jista' jiġġedded taċitament għal perijodu ta' iktar minn ħames snin jitqies li kien konkluż għal tul indefinit) u, skont l-Artikolu 3 tiegħu, jekk is-sehem mis-suq tal-fornitur ma jkunx ta' iktar minn 30 % tas-suq rilevanti li fih ibiegħ l-oġġetti jew servizzi tal-kuntratt.

77. Filwaqt li l-kwistjonijiet marbuta mat-tul ta' żmien tal-klawżola ta' esklużività ma jqumux jekk, fil-kawża prinċipali, il-parti tas-suq ta' CEPSA kienet ta' iktar minn 30 % għaliex hija tkun immedjatament eskluża mill-applikazzjoni tas-sistema ta' eżenzjoni skont il-kategorija prevista mir-Regolament Nru 2790/1999, fin-nuqqas ta' informazzjoni min-naħa tal-qorti tar-rinviju, il-bażi għandha tkun l-ipoteżi, li barra minn hekk hija probabbli, li CEPSA m'għandhiex sehem ta' dan l-ammont [41].

78. Għaldaqstant, fir-rigward, fil-kawża prinċipali, tat-tul ta' żmien tal-klawżola ta' esklużività, jekk din tal-aħħar ma kinitx tibbenefika mill-eżenzjoni skont il-kategorija bis-saħħa tar-Regolament Nru 1984/83, hija setgħet tiġi awtorizzata, bis-saħħa tar-Regolament Nru 2790/1999, biss sa l-1 ta' Ġunju 2005, b'mod konformi mal-Artikolu 5 ta' dan ir-regolament tal-aħħar, sakemm il-kuntratt ma jitqiesx, bħalma huwa indikat fil-punt 80 ta' dawn il-konklużjonijiet, bħala wieħed li ġie konkluż għal perijodu indefinit; f'dan il-każ huwa ma jistax jibbenefika mis-sistema ta' eżenzjoni skont il-kategorija prevista permezz tar-Regolament Nru 2790/1999.

41 — Għandu jiġi osservat li, fl-osservazzjonijiet bil-miktub, il-Kummissjoni tindika li l-parti mis-suq ta' CEPSA hija inqas mil-limitu msemmi fl-Artikolu 3 tar-Regolament Nru 2790/1999. Ovvjament, hija l-qorti tar-rinviju li għandha tivverifika din l-affermazzjoni u, fl-aħħar nett, tistabbilixxi l-parti mis-suq ta' CEPSA.

79. Jekk, min-naħa l-oħra, il-klawżola kienet tibbenefika mill-eżenzjoni skont il-kategorija bis-saħħa tar-Regolament Nru 1984/83, biex b'hekk japplikaw il-kundizzjonijiet previsti f'dan tal-aħħar, mhux iktar tard mid-data tal-1 ta' Jannar 2002, din il-klawżola kuntrattwali tkun tista' tibbenefika mis-sistema ta' eżenzjoni prevista mir-Regolament Nru 2790/1999 sa l-iskadenza tal-kuntratt inizjali, ħlief jekk il-kuntratt jitqies, skont l-Artikolu 5 tal-imsemmi regolament, li kien konklużż għal perijodu indefinit.

80. F'dan ir-rigward, nosserva b'interess li jirriżulta mid-deċiżjoni tar-rinviju li l-kuntratt inizjali ta' għaxar snin jista' jiġġedded b'termini suċċessivi ta' ħames snin, kull darba bi ftehim espliċitu u bil-miktub u b'notifika minn qabel ta' mill-inqas sitt xhur. Għalkemm huwa ċertament minnu li hija l-qorti tar-rinviju li għandha tiddetermina l-portata ta' din l-istipulazzjoni b'mod konformi mad-dritt nazzjonali rilevanti, l-użu ta' notifika minn qabel huwa pjuttost kurjuż, b'mod partikolari minħabba l-fatt li ma jirriżultax b'mod ċar mid-deċiżjoni tar-rinviju u mid-dibattiti quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja jekk din in-notifika minn qabel tirrigwardax l-intenzjoni li ma jiġġeddidx il-kuntratt (li jimplika neċessarjament li l-kuntratt għandu jiġġedded b'mod obbligatorju fin-nuqqas ta' tali notifika minn qabel u b'hekk jiġġedded taċitament) jew l-intenzjoni li jiġġedded (li jimplika li jekk in-notifika minn qabel tingħata regolarment, il-parti l-oħra ma jkollhiex l-għażla li tirrifjuta it-tiġdid tal-kuntratt). F'kull każ, jekk wara li teżamina l-imsemmija klawżola, il-qorti tar-rinviju tikkonkludi li huwa forma ta' tiġdid taċitu, il-klawżola ta' esklużività la tista' tkun koperta mill-eżenzjoni skont il-kategorija prevista permezz tar-Regolament Nru 1984/83 u lanqas minn dik prevista mir-Regolament Nru 2790/1999, peress li jkollha titqies li ġiet konkluża għal tul indefinit, fissens, rispettivament, tal-Artikolu 12(1)(ċ) tar-Regolament Nru 1984/83 [42] u tal-Artikolu 5 tar-Regolament Nru 2790/1999 [43] .

81. Fid-dawl tal-osservazzjonijiet preċedenti, nipproponi li r-risposta li għandha tingħata għad-domanda 1(b) u (ċ) li saret mill-qorti tar-rinviju għandha tkun li, fl-ipoteżi ta' kuntratt ġenwin ta' rappreżentanza konklużż bejn fornitur ta' kombustibbli u operatur ta' stazzjon tal-petrol, il-klawżola ta' xiri esklużiv tista' tibbenefika mill-eżenzjoni skont il-kategorija prevista permezz tar-Regolament Nru 1984/83 sakemm hija tissodisfa l-kundizzjonijiet previsti minn dan ir-regolament, b'mod partikolari dik dwar it-tul ta' din il-klawżola. F'dan il-kuntest, it-tul ta' mhux iktar minn għaxar snin ta' din il-klawżola, imsemmi fl-Artikolu 12(ċ) tar-Regolament Nru 1984/83, huwa ġġustifikat jekk il-vantaġġi finanzjarji u kummerċjali mogħtija mill-fornitur huma ta' tali importanza li, fin-nuqqas tagħhom, ikun ferm improbabbli li l-operatur jista' jkollu aċċess għas-suq ta' bejgħ bl-imnut ta' kombustibbli. Hija l-qorti tar-rinviju li għandha tevalwa jekk dak huwiex il-każ fil-kawża prinċipali, wara li tqis b'mod partikolari t-tul effettiv tal-klawżola ta' xiri esklużiv stipulata bejn il-partijiet fil-kuntratt inkwistjoni, l-ammont tal-investimenti mwettqa mill-fornitur u mill-operatur u d-diprezzament tagħhom.

42 — Ara, b'analoġija, fir-rigward tal-interpretazzjoni tal-Artikolu 3(d) tar-Regolament Nru 1984/83, is-sentenza tal-Qorti tal-Prim'Istanza tat-8 ta' Ġunju 1995, Langnese-Iglo vs Il-Kummissjoni (T-7/93, Ġabra p. II-1533, punt 138).

43 — Jekk, fil-kawża prinċipali, il-qorti nazzjonali tikkonkludi, fid-dawl tad-dritt nazzjonali, li l-klawżola ta' esklużività ġiet konkluża għal terminu ta' iktar minn għaxar snin, l-eżami tal-ammont tal-vantaġġi ekonomiċi jew finanzjarji mogħtija minn CEPSA jista' finalment jirriżulta bħala superfluwu.

2. Ipoteżi tar-relazzjoni kuntrattwali bejn żewġ impriżi indipendenti (kuntratt ta' distribuzzjoni)

82. Fl-ipoteżi ta' relazzjoni kuntrattwali tat-tip "kuntratt ta' distribuzzjoni bejn żewġ impriżi ekonomikament indipendenti", li fil-prinċipju tista' tibbenefika mill-eżenzjoni skont il-kategorija prevista permezz tar-Regolament Nru 1984/83, jidhirli, kif issostni l-Kummissjoni, li l-applikabbiltà ta' dan tal-aħħar, b'mod partikolari il-kundizzjoni dwar it-tul tal-ftehim, tiddependi fuq il-kompatibbiltà mal-Artikolu 85 tat-Trattat tal-klawżola dwar l-obbligu għall-operatur tal-istazzjon tal-petrol li jbiegħ il-karburant bi prezz iffissat mill-fornitur.

83. Effettivament, f'din l-ipoteżi, il-klawżola dwar l-impożizzjoni mill-fornitur ta' prezz tal-bejgħ finali tal-kombustibbli lill-pubbliku tikkostitwixxi restrizzjoni tal-kompetizzjoni li taqa' taħt il-kamp ta' applikazzjoni tal-Artikolu 85(1) tat-Trattat u li ma tinsabx fost l-obbligi li, minbarra l-klawżola ta' esklużività prevista fl-Artikolu 10 tar-Regolament Nru 1984/83, jistgħu jiġu imposti fuq l-operatur skont l-Artikolu 11 ta' dan ir-regolament, b'tali mod li ftehim li jipprevedi l-obbligu ta' dan tal-aħħar li jirrispetta l-prezz tal-bejgħ finali lill-pubbliku ffissat mill-fornitur mhuwiex kopert mill-Artikoli 10 sa 13 ta' dan ir-regolament [44]. Għaldaqstant, f'din l-ipoteżi, m'hemmx il-bżonn li tingħata deċiżjoni dwar it-tul ammissibbli tal-ftehim ta' esklużività abbażi tar-Regolament Nru 1984/83.

84. Barra minn hekk, permezz tad-domanda 2(ċ) tagħha, *in fine*, il-qorti tar-rinviju tidher li qed tipprevedi l-eventwalità li l-ftehim, minkejja l-fatt li ma jistax jibbenefika mill-eżenzjoni skont il-kategorija prevista mir-Regolament Nru 1984/83 minħabba l-obbligu għall-operatur li jirrispetta l-prezz tal-bejgħ finali lill-pubbliku ffissat mill-fornitur, jista' jitqies "validu" minħabba l-fatt li l-fornitur kien awtorizza lill-operatur, f'Novembru 2001, li jnaqqas il-prezz tal-bejgħ mingħajr ma jaffettwa d-dħul ta' dan tal-fornitur.

85. F'dan ir-rigward, fl-ewwel lok għandu jiġi mfakkar li mhijiex il-Qorti tal-Ġustizzja li għandha tiddetermina l-portata tad-deċiżjoni tal-fornitur li taffettwa l-klawżola kuntrattwali dwar l-iffissar, minnu, tal-prezz tal-bejgħ finali tal-kombustibbli. Din il-kwistjoni ma taqax taħt il-kompetenza tal-Qorti tal-Ġustizzja fil-kuntest tar-rinviju għal deċiżjoni preliminari u fil-fehma tiegħi jidher, kif indikat il-Kummissjoni fin-nota ta' osservazzjonijiet tagħha, li taqa' taħt id-dritt nazzjonali.

86. Għaldaqstant, jekk wieħed jassumi li tali deċiżjoni min-naħa tal-fornitur ta' kombustibbli għandha titqies bħala "modifika unilaterali" tal-klawżola kuntrattwali dwar il-prezz [45] u li tali modifika hija possibbli taħt id-dritt nazzjonali Spanjol, jeħtieġ li jiġi stabbilit, minn naħa, jekk din il-modifika għandhiex fil-fatt l-effett li telimina r-restrizzjoni fuq il-kompetizzjoni li tikkonsisti fl-iffissar, mill-fornitur, tal-prezz tal-bejgħ finali tal-kombustibbli lill-pubbliku

44 — Is-sentenza CEEES, iċċitata iktar 'il fuq (punt 64 u punt 2 tad-dispożittiv).

45 — Għandu jiġi osservat li l-partijiet fil-kawża prinċipali ma jaqblux dwar din il-klassifikazzjoni tal-awtorizzazzjoni mogħtija minn CEPSA.

u, min-naħa l-oħra, f'każ ta' risposta fl-affermattiv għad-domanda preċedenti, jekk din il-modifika għandhiex portata retroattiva jew portata sempliċement immedjata.

87. Madankollu, anki jekk jitqies li klawżola li tobbliga lil distributur li jbiegħ prodott bi prezz iffissat mill-fornitur tista' tiġi vvalidata b'mod retroattiv jekk din il-klawżola tinġieb unilateralment konformi mal-Artikolu 85 tat-Trattat, li jiena niddubita [46], din il-konsegwenza madankollu ma trendix superfluwu l-eżami tal-kompatibbiltà tal-klawżola dwar provvista esklużiva mal-Artikolu 85 tat-Trattat, b'mod partikolari fir-rigward tat-tul ta' din l-esklużività. Fil-fatt, indipendentement mill-fatt jekk ir-relazzjoni kuntrattwali inkwistjoni fil-kawża prinċipali hijiex relazzjoni ġenwina ta' rappreżentanza jew le, f'kull każ tqum il-kwistjoni tal-kompatibbiltà tal-klawżola ta' provvista esklużiva u dan f'termini li huma, mill-inqas, analogi għal dawk esposti fil-punti 65 sa 80 ta' dawn il-konklużjonijiet, mingħajr ma, konsegwentement, il-modifika unilaterali tar-restrizzjoni supplementari dwar l-iffissar tal-prezz tal-bejgħ finali mill-fornitur tista', *ipso facto*, twassal għall-validità tal-kuntratt inizjali.

88. Jekk dan huwa l-każ, fl-ipoteżi li t-tul ta' mhux iktar minn 10 snin tal-provvista esklużiva jitqies bħala ġġustifikat fil-kawża prinċipali, il-qorti tar-rinviju għandha, fid-dawl tal-elementi ta' fatt u ta' dritt tal-kawża prinċipali, tagħti risposta għad-domandi esposti fil-punt 85 iktar 'l fuq.

89. Fil-fehma tiegħi huwa utli li jsiru xi rimarki fuq il-mertu f'dan ir-rigward.

90. Fir-rigward tal-kwistjoni jekk l-allegata modifika unilaterali, minn CEPSA, tal-klawżola kuntrattwali dwar il-prezz twassalx biex din il-klawżola tinġieb konformi mal-Artikolu 85 tat-Trattat, il-kontenut tad-deċiżjoni ta' CEPSA ta' Novembru 2001, kif ippreżentat mill-qorti tar-rinviju, jidher li jagħti lill-operatur libertà ikbar, peress li dan tal-aħħar ma jibqax marbut li japplika l-prezz tal-bejgħ finali ffissat mill-fornitur u jista', b'hekk, jagħti skonti lill-klijenti tiegħu, u b'hekk tiġi ffaċilitata l-kompetizzjoni fi ħdan l-istess marka bejn id-distributuri.

91. Iżda xorta jibqa' l-fatt li, bil-kontra ta' dak li allegat CEPSA, prezz tal-bejgħ massimu jew rakkomandat minn fornitur lid-distributur tiegħu, għalkemm dan huwa l-każ fissitwazzjoni inkwistjoni fil-kawża prinċipali wara d-deċiżjoni inkwistjoni ta' CEPSA, ma jibbenefikax awtomatikament mid-deroga għall-projbizzjoni prevista fl-Artikolu 85(1) tat-Trattat. Fil-fatt, kif jimplika t-test tal-Artikolu 4(a) tar-Regolament Nru 2790/1999, l-eżenzjoni skont il-kategorija applikabbli għall-ftehim vertikali rregolati mill-istess regolament tista' ċertament tapplika f'sitwazzjoni fejn fornitur jimponi prezz massimu tal-bejgħ jew jirrakkomanda prezz tal-bejgħ, iżda "sakemm dawn il-prezzijiet ma jammontawx għal prezz tal-bejgħ

46 — Fid-dawl tal-prinċipju tal-Artikolu 85(2) KE, li jipprovdi li l-akkordji pprojbiti mill-Artikolu 85 KE huma *ipso jure* nulli. Ara, fuq din il-kwistjoni, il-punti 94 sa 98 ta' dawn il-konklużjonijiet.

fiss jew minimu bħala riżultat ta' pressjoni minn, jew inċentivi offruti minn, waħda mill-partijiet". Madankollu, tali kundizzjoni ma tidhirx li hija sodisfatta meta, minkejja l-indikazzjoni ta' prezz massimu jew rakkomandat, il-marġni ta' qligħ tad-distributur hija ffissata mill-fornitur [47], b'tali mod li d-distributur ma jistax, fil-prattika, jagħti skontijiet lill-klijentela tiegħu permezz ta' din il-marġni u, barra minn hekk, meta d-distributur huwa obbligat, fl-istess ħin, li jiżgura dħul kostanti għall-fornitur. F'din l-ipoteżi, prezz tal-bejgħ fiss jew minimu huwa fir-realtà impost b'mod indirett fuq id-distributur. Barra minn hekk, ma jistax jiġi eskluż li prezz massimu jew rakkomandat mill-fornitur jista', meta titqies il-pożizzjoni fis-suq ta' dan tal-aħħar u/jew l-mezzi ta' inċentivi jew ta' sanzjonijiet li dak il-fornitur għandu fid-dispożizzjoni tiegħu meta dan il-prezz ma jiġix irrispettat, iġiegħel lill-operaturi li japplikaw dak il-prezz b'mod uniformi b'tali mod li jkun diffiċli, jekk mhux impossibbli, li jvarjaw minnu fil-prattika [48].

92. Għaldaqstant, fl-ipoteżi li l-qorti tar-rinviju tiddeċiedi li r-relazzjoni kuntrattwali inkwistjoni fil-kawża prinċipali għandha tiġi kkwalifikata bħala relazzjoni ta' distribuzzjoni bejn żewġ impriżi indipendenti, ikun fil-kompitu tagħha li teżamina ċ-ċirkustanzi kollha fil-kawża prinċipali bil-għan li tiddetermina jekk, wara d-deċiżjoni ta' CEPSA f'Novembru 2001, din l-impriża imponietx fuq Tobar, mill-inqas b'mod indirett, l-obbligu li tirrispetta prezz tal-bejgħ fiss jew minimu.

93. Jekk dan huwa l-każ — u b'hekk niġi għat-tieni domanda msemmija fil-punt 86 ta' dawn il-konklużjonijiet — il-klawżola dwar il-prezz, kif immodifikata, kif ukoll il-ftehim fit-totalità tiegħu ma jistgħux jibbenefikaw mill-eżenzjoni skont il-kategorija prevista permezz tar-Regolament Nru 2790/1999. Fin-nuqqas ta' eżenzjoni individwali jew ta' raġunijiet oħrajn li jippermettu l-applikazzjoni tal-kundizzjonijiet għall-eżenzjoni abbażi tal-Artikolu 85(3) tat-Trattat [49], li ma tantx huma rilevanti f'din il-kawża [50], dan il-ftehim ikun null, skont l-Artikolu 85(2) tat-Trattat.

94. Jekk, bil-kontra, il-modifika unilaterali trendi l-klawżola kuntrattwali dwar il-prezz konformi mal-Artikolu 85 tat-Trattat u l-qorti tar-rinviju tikkunsidra wkoll li t-tul ta' provvista esklużiva jibbenefika mill-eżenzjoni prevista mir-Regolament Nru 2790/1999, din ma tistax twassal, fil-fehma tiegħi, għall-validità retroattiva tal-ftehim fir-rigward tal-eżenzjoni skont il-kategorija prevista fir-Regolament Nru 1984/83. Fil-fatt, interpretazzjoni kuntrarja tinjora n-natura imperattiva tan-nullità *ipso jure* prevista mill-Artikolu 85(2) tat-Trattat, ta' kull ftehim ipprojbit mill-Artikolu 85 tat-Trattat [51]. Madankollu, kif diġà indikajt fil-punt 83

47 — Ara, f'dan is-sens, il-Linji Gwida iċċitati iktar 'il fuq (punt 47). Għandu jiġi osservat li, fin-nota ta' osservazzjonijiet tagħha, Tobar tindika li CEPSA tiffissa l-marġni ta' dħul mill-bejgħ tal-operaturi tal-istazzjonijiet tal-petrol.

48 — Ara, f'dan is-sens, il-Linji Gwida iċċitati iktar 'il fuq (punti 47 u 227).

49 — Fil-fatt, il-partijiet kontraenti f'akkordju ta' dan it-tip għandhom ukoll il-possibbiltà (teoretika f'din il-kawża) li jitolbu lill-Kummissjoni deċiżjoni individwali dwar l-inapplikabbiltà tal-Artikolu 85(1) KE, jew li jiġi kkonstatat li l-kundizzjonijiet ta' regolament ieħor ta' eżenzjoni għal kategoriji oħrajn ta' akkordji huma sodisfatti, jew inkella li jiġi stabbilit li, għal raġunijiet oħrajn, l-akkordju mhuwiex inkompatibbli mal-Artikolu 85(1) tat-Trattat. Ara, f'dan ir-rigward, is-sentenzi tat-18 ta' Diċembru 1986, VAG France (10/86, Ġabra p. 4071, punti 12 u 13) u Delimitis, iċċitata iktar 'il fuq (punt 41).

50 — L-ipoteżi msemmija fin-nota preċedenti la ġew previsti mill-qorti tar-rinviju u lanqas ma ġew invokati mill-partijiet fil-kawża prinċipali.

51 — Ara, f'dan ir-rigward, is-sentenza tat-13 ta' Lulju 2006, Manfredi *et* (C-295/04 sa C-298/04, Ġabra p. I-6619, punt 57 u l-ġurisprudenza ċċitata).

ta' dawn il-konklużjonijiet, l-iffissar mill-fornitur tal-prezz tal-bejgħ finali tal-kombustibbli lill-pubbliku ma jippermettix li l-ftehim ta' esklużività konkluż bejn il-fornitur u l-operatur jibbenefika mill-applikazzjoni tad-dispożizzjonijiet rilevanti tar-Regolament Nru 1984/83, b'tali mod li, ħlief għal motivi oħrajn li jippermettu l-applikazzjoni tal-kundizzjonijiet għall-eżenzjoni abbażi tal-Artikolu 85(3) tat-Trattat, dan il-ftehim għandu jitqies bħala null u ma jistax f'daqqa waħda jitqies li huwa "validu" minħabba modifika unilaterali tal-klawżola li tirregola l-iffissar tal-imsemmi prezz.

95. Fid-dawl ta' dawn il-kunsiderazzjonijiet, nissuġġerixxi li r-risposta li għandha tingħata għad-domanda 2(b) u (ċ) għandha tkun fis-sens li l-istipulazzjonijiet ta' kuntratt ta' distribuzzjoni konkluż bejn fornitur ta' kombustibbli u operatur ta' stazzjon tal-petrol li permezz tiegħu dan tal-aħħar jintrabat li jixtri fuq bażi esklużiva l-kombustibbli li huma l-oġġett tal-imsemmi kuntratt, jistgħu jibbenefikaw mill-eżenzjoni skont il-kategorija prevista fir-Regolament Nru 1984/83. L-Artikoli 10 sa 13 tar-Regolament Nru 1984/83 għandhom jiġu interpretati fis-sens li tali kuntratt mhuwiex kopert minn dan ir-regolament inkwantu huwa jipprevedi l-obbligu, għall-imsemmi operatur, li jirrispetta l-prezz tal-bejgħ finali lill-pubbliku ffissat mill-fornitur. It-tqegħid f'konformità mal-Artikolu 85 tat-Trattat ta' klawżola kuntrattwali dwar l-iffissar, mill-fornitur, tal-prezz tal-bejgħ finali lill-pubbliku m'għandux l-effett li jelimina retroattivament in-nullità tad-dispożizzjonijiet tal-kuntratt li kienu jmorru kontra dan l-artikolu qabel ma nġiebu konformi. It-tqegħid f'konformità hawn fuq imsemmi lanqas ma jeżonera tali kuntratt, biex jibbenefika mill-eżenzjoni skont il-kategorija prevista mid-dispożizzjonijiet tar-Regolament Nru 1984/83 jew, suċċessivament, minn dawk tar-Regolament Nru 2790/1999, milli jirrispetta l-kundizzjonijiet previsti fl-imsemmija regolamenti, b'mod partikolari dik dwar it-tul ammissibbli ta' provvista esklużiva.

C — *Fuq il-konsegwenzi ta' nullità eventwali tal-kuntratt [id-domanda 1(d)]*

96. Fil-każ ta' relazzjoni ġenwina ta' rappreżentanza kummerċjali u fl-ipoteżi fejn il-klawżola ta' provvista esklużiva ma tistax tibbenefika mill-eżenzjoni skont il-kategorija prevista mir-Regolament Nru 1984/83, il-qorti tar-rinviju ssaqsi jekk in-nullità *ipso jure* prevista fl-Artikolu 85(2) tat-Trattat taffettwax biss dik il-klawżola jew il-kuntratt kollu.

97. B'mod preliminari, għandu jiġi mfakkar li n-nullità prevista fl-Artikolu 85(2) tat-Trattat tista' tiġi invokata minn kulħadd u hija imposta fuq il-qorti meta l-kundizzjonijiet għall-applikazzjoni tal-Artikolu 85(1) tat-Trattat huma sodisfatti u meta l-ftehim inkwistjoni ma jistax jiġġustifika l-għoti ta' eżenzjoni abbażi tal-Artikolu 85(3) tat-Trattat. Peress li din in-nullità hija ta' natura assoluta, ftehim null abbażi ta' din id-dispożizzjoni m'għandux effetti fir-relazzjonijiet bejn il-partijiet kontraenti u ma jistax jiġi invokat kontra terzi. Barra minn hekk, din in-nullità tista' taffettwa l-effetti kollha, kemm fil-passat kif ukoll fil-futur, tal-ftehim jew tad-deċiżjoni inkwistjoni [52].

52 — *Ibidem.*

98. Madankollu, in-nullità *ipso jure* msemmija fl-Artikolu 85(2) tat-Trattat ma taffettwax *awtomatikament* l-ftehim kollu inkwistjoni. Fil-fatt, din in-nullità tapplika biss għall-elementi tal-ftehim milquta mill-projbizzjoni stabbilita fl-Artikolu 85(1) tat-Trattat, jew għall-ftehim fl-intier tiegħu jekk ikun jidher li dawn l-elementi ma jistgħux jiġu mifruda mill-ftehim nnifsu [53].

99. Jekk il-klawżoli kuntrattwali li jkunu inkompatibbli mal-Artikolu 85(1) KE jistgħu jiġu mifruda mill-ftehim innifsu, il-konsegwenzi tan-nullità ta' dawn il-klawżoli għall-elementi l-oħrajn tal-ftehim jew għall-obbligi l-oħrajn li jirriżultaw minnu ma jaqgħux taħt id-dritt Komunitarju iżda għandhom jiġu evalwati fid-dawl tad-dritt nazzjonali [54]. Għaldaqstant hija l-qorti tar-rinviju li għandha tevalwa, skont id-dritt nazzjonali, il-portata u l-konsegwenzi, għar-relazzjonijiet kuntrattwali kollha fil-kawża prinċipali, ta' projbizzjoni eventwali ta' ċerti klawżoli skont l-Artikolu 85 tat-Trattat [55].

100. Għaldaqstant, nissuġġerixxi li r-risposta li għandha tingħata għad-domanda 1(d) għandha tkun fis-sens li n-nullità *ipso jure* stabbilita fl-Artikolu 85(2) tat-Trattat taffettwa l-klawżoli ta' ftehim li jiksru l-projbizzjoni msemmija fl-Artikolu 85(1) tat-Trattat, mingħajr ma tkun applikabbli eżenzjoni abbażi tal-Artikolu 85(3) tat-Trattat, ħlief jekk l-elementi pprojbiti jkunu jistgħu jiġu mifruda mill-imsemmi ftehim, f'liema każ in-nullità taffettwa l-ftehim fl-intier tiegħu. Fl-ipoteżi li l-elementi pprojbiti jistgħu jiġu mifruda mill-elementi l-oħrajn tal-ftehim, id-dritt Komunitarju ma jirregolax il-konsegwenzi tan-nullità tal-klawżoli pprojbiti fuq l-elementi l-oħrajn tal-imsemmi ftehim.

53 — Sentenzi tat-30 ta' Ġunju 1966, LTM (56/65, Ġabra p. 337) u Delimitis, iċċitata iktar 'il fuq (punt 40).

54 — Ara, b'mod partikolari, is-sentenzi VAG France (punt 14); tat-30 ta' April 1998, Cabour (C-230/96, Ġabra p. I-2055, punt 51), kif ukoll tat-30 ta' Novembru 2006, Brünsteiner u Hilgert (C-376/05 u C-377/05, Ġabra p. I-11383, punt 48).

55 — *Ibidem.*

VI — Konklużjoni

101. Fid-dawl tal-konsiderazzjonijiet esposti iktar 'il fuq, nipproponi li l-Qorti tal-Ġustizzja tirrispondi skont kif ġej għad-domandi preliminari magħmula mill-Audiencia Provincial de Madrid:

"1) Abbażi ta' dawn il-konsiderazzjonijiet kollha, nipproponi li r-risposta li għandha tingħata għad-domanda 1(a), u għad-domanda 2(a), għandha tkun li, *fir-rigward*

tas-suq tal-bejgħ tal-merkanzija lit-terzi, il-klawżoli ta' kuntratt, inkluża dik relatata mal-iffissar tal-prezz tal-bejgħ finali lill-pubbliku, bejn fornitur ta' kombustibbli u l-operatur ta' stazzjon tal-petrol, li permezz tagħhom dan tal-aħħar jassumi biss, mill-iktar, parti negliġibbli tar-riskji finanzjarji u kummerċjali relatati mal-bejgħ tal-imsemmija merkanzija, ma jikkostitwixxux akkordji bejn impriżi fis-sens tal-Artikolu 85(1) tat-Trattat KE (li sar l-Artikolu 81(1), KE), anki jekk dan il-kuntratt ikun jinkludi wkoll klawżola ta' non-kompetizzjoni jew ta' esklużività li permezz tagħha l-operatur jintrabat li jikseb il-provvisti tiegħu esklużivament mingħand il-fornitur.

Klawżola ta' non-kompetizzjoni jew ta' esklużività f'tali kuntratt, li permezz tagħha l-operatur jintrabat li jikseb il-provvisti tiegħu esklużivament mingħand il-fornitur u li tirrigwarda *s-suq tas-servizzi ta' rappreżentanza,* tikkostitwixxi akkordju bejn impriżi fis-sens tal-Artikolu 85(1) tat-Trattat.

Bl-istess mod, jikkostitwixxi akkordju bejn impriżi fis-sens tal-Artikolu 85(1) tat-Trattat, kuntratt ta' distribuzzjoni konkluż bejn fornitur ta' kombustibbli u l-operatur ta' stazzjon tal-petrol meta dan l-operatur jassumi, fi proporzjon mhux negliġibbli, riskju jew riskji finanzjarji u kummerċjali marbuta mal-bejgħ ta' dawn il-kombustibbli lit-terzi.

Sabiex tiġi stabbilita l-applikabbiltà tal-Artikolu 85(1) tat-Trattat fil-kawża prinċipali, hija l-qorti nazzjonali li għandha tevalwa, fir-rigward tal-klawżoli tal-kuntratt inkwistjoni, it-tqassim effettiv tar-riskji finanzjarji u kummerċjali bejn l-operatur tal-istazzjon tal-petrol u l-fornitur waqt li jitqiesu r-riskji marbuta mal-bejgħ tal-merkanzija u dawk marbuta mal-investimenti speċifiċi għas-suq. F'dan il-kuntest u kemm-il darba l-kundizzjonijiet għall-applikazzjoni tal-Artikolu 85(1) tat-Trattat jiġu sodisfatti, l-obbligu impost fuq l-operatur li jbiegħ il-kombustibbli bi prezz iffissat mill-fornitur jidher li mhuwiex kompatibbli mal-Artikolu 85(1)(a) tat-Trattat.

2) Fl-ipoteżi ta' kuntratt ġenwin ta' rappreżentanza konkluż bejn fornitur ta' kombustibbli u operatur ta' stazzjon tal-petrol, il-klawżola ta' xiri esklużiv tista' tibbenefika mill-eżenzjoni skont il-kategorija prevista permezz tar-Regolament tal-Kummissjoni (KEE) Nru 1984/83, tat-22 ta' Ġunju 1983, dwar l-applikazzjoni tal-Artikolu 85(3) tat-Trattat għal kategoriji ta' ftehim ta' xiri esklużiv, sakemm hija tissodisfa l-kundizzjonijiet previsti, b'mod partikolari dik dwar it-tul ta' din il-klawżola.

F'dan il-kuntest, it-tul ta' mhux iktar minn għaxar snin ta' din il-klawżola, imsemmi fl-Artikolu 12(ċ) tar-Regolament Nru 1984/83, huwa ġġustifikat jekk il-vantaġġi finanzjarji u kummerċjali mogħtija mill-fornitur huma ta' tali importanza li, fin-nuqqas tagħhom, ikun ferm improbabbli li l-operatur jista' jkollu aċċess għas-suq ta' bejgħ bl-imnut ta' kombustibbli. Hija l-qorti tar-rinviju li għandha tevalwa jekk dak huwiex il-każ fil-kawża prinċipali, wara li tqis b'mod partikolari t-tul effettiv tal-klawżola ta' xiri esklużiv stipulata bejn il-partijiet fil-kuntratt inkwistjoni, l-ammont tal-investimenti mwettqa mill-fornitur u mill-operatur u d-diprezzament tagħhom.

3) L-istipulazzjonijiet ta' kuntratt ta' distribuzzjoni konkluż bejn fornitur ta' kombustibbli u operatur ta' stazzjon tal-petrol li permezz tiegħu dan tal-aħħar jintrabat li jixtri fuq bażi esklużiva l-kombustibbli li huma l-oġġett tal-imsemmi kuntratt, jistgħu jibbenefikaw mill-eżenzjoni skont il-kategorija prevista fir-Regolament Nru 1984/83. L-Artikoli 10 sa 13 tar-Regolament Nru 1984/83 għandhom jiġu interpretati fis-sens li tali kuntratt mhuwiex kopert minn dan ir-regolament inkwantu huwa jipprevedi l-obbligu, għall-imsemmi operatur, li jirrispetta l-prezz tal-bejgħ finali lill-pubbliku ffissat mill-fornitur. It-tqegħid f'konformità mal-Artikolu 85 tat-Trattat ta' klawżola kuntrattwali dwar l-iffissar, mill-fornitur, tal-prezz tal-bejgħ finali lill-pubbliku m'għandux l-effett li jelimina retroattivament in-nullità tad-dispożizzjonijiet tal-kuntratt li kienu jmorru kontra dan l-artikolu

qabel ma nġiebu konformi. It-tqegħid f'konformità hawn fuq imsemmi lanqas ma jeżonera tali kuntratt, biex jibbenefika mill-eżenzjoni skont il-kategorija prevista mid-dispożizzjonijiet tar-Regolament Nru 1984/83 jew, suċċessivament, minn dawk tar-Regolament tal-Kummissjoni Nru 2790/1999, tat-22 ta' Diċembru 1999, dwar l-appikazzjoni tal-Arikolu 81(3) tat-Trattat għal kategoriji ta' ftehim vertikali u prattiki miftiehma, milli jirrispetta l-kundizzjonijiet previsti fl-imsemmija regolamenti, b'mod partikolari dik dwar it-tul ammissibbli ta' provvista esklużiva.

4) Il-konsegwenzi tan-nullità *ipso jure* stabbilita fl-Artikolu 85(2) tat-Trattat taffettwa l-klawżoli ta' ftehim li jiksru l-projbizzjoni msemmija fl-Artikolu 85(1) tat-Trattat, mingħajr ma tkun applikabbli eżenzjoni abbażi tal-Artikolu 85(3) tat-Trattat, ħlief jekk l-elementi pprojbiti jkunu jistgħu jiġu mifruda mill-imsemmi ftehim, f'liema każ in-nullità taffettwa l-ftehim fl-intier tiegħu. Fl-ipoteżi li l-elementi pprojbiti jistgħu jiġu mifruda mill-elementi l-oħrajn tal-ftehim, id-dritt Komunitarju ma jirregolax il-konsegwenzi tan-nullità tal-klawżoli pprojbiti fuq l-elementi l-oħrajn tal-imsemmi ftehim."